107. 17

1

COTBA TAL
MOGHDIJA TAZ-ZMIEN

# IL CARITÀ f'Malta u Ghaudex

Nru. 121.

Jimbieh tliet soldi

MALTA
Stamperia ta G. Muscat, 213 Str, S, Orsla il Belt.
1912.


IL CARITA'
F'MALTA
U
GHAUDEX



SIR FERDINANDU V. INGLOTT K. C. M. G.

*Fi żmien il Gvernatur Grenfell, u seŭseŭŭ fil 20 ta April tal 1901, il Contrullur Sir Richard Micallef, f'lakgħa li saret f'is-Sala tal Consill, semmagħ fuk «l'Istituti tal Carità ta Malta u Għaŭdex» li jagħmel minnhom il Gvern. Deherli ŭisk xierak illi daŭc l'elf-ejn ruħ li jiġu f'idejhom daŭn il «Cotba tal Mogħdija taz-Żmien» icunu jafu xiħaġa fuk* Chif bdeŭ u geŭ il kuddiem *daŭn t'Istituti tal Carità.*

*Fuk hecc, mela, daks tliet snîn ilu, mort tlabt lil Sir Richard Micallef K.C.M.G. iħallini nfisser bil malti il ctieb iż-żgħir li hu ħareġ bl'ingliż, b'dac li jogħġbu iżîd fih biex iŭasslu sa'l-lum.*

*Sir Richard Micallef tani li tlabtu, u issa nista nidħol għal dan ix-xogħol li naħseb joħroġ għal kalb-com. F'It-tieni Taksima ta dan il ctieb, fehsiebni nsem-mîlcom fuk l'Istituti l'oħra tal Carità li bdeŭ m'ix-xejn u sejjrin dejjem il kuddiem bil ħniena t'Alla u ta daŭc illi iż-żejjed tal gîd tagħhom ikassmuh lil ħut-hom l'iż-żgħâr l'isibu ħajt tal chenn fil ħniena tal Cnisja Mkaddsa jeŭ l'imorru iżuru lil fokra ġo diarhom, u jagħmlulhom il ħîla b'dic il chelma il ħanina illi tisŭa bosta actar mill flûs biex tifthilhom kalbhom għa't-tâma, għâd illi huma jifirħu b'coll għajnuna fil fakar tagħhom.*

*Tas-Sliema, it-2 ta Aŭŭissu* 1912

ALF. M. GALEA.

LIL ULIEDI

DAN IN-Nru. 121

TAL

«COTBA TAL MOGHDIJA TAZ-ZMIEN»

B'TIFCHIRA

TALLI GHAMEL HADDIEHOR

GHAL GÎD

TA

MALTA U TAL MALTIN

# L'ISTITUTI TAL CARITA' LI F'IDEJN IL GVERN

Meta is-sèna 1530 daħal haŭn Malta l'Ordni tal Cavalieri ta San Ġŭann, ma chellniex ħlief dakxejn ta Sptâr ir-Rabat tal Mdina, u ieħor ftit iżgħar minnu f'Għaŭdex.

Li Sptâr ta'r-Rabat, dac li il-lum jissejjaħ ta Santu Spirtu, bdeŭ biex taŭh l'isem ta Sptâr ta San Frangisc tal Conventŭali. Għâd illi ankas biss jafu seŭŭa meta tŭakkaf, nistgħu talankas ngħidu li is-sultan Federicu it-III ta Skallija, is-sèna 1370, għażel b'Rettur ta dan li Sptâr lil Fra Nicol Papalla li chien Cappillan ta dan is-sultan; u mbagħd tnejn u għoxrin sèna ŭara, (l'1392), laħak Iskof ta Malta.

Dan li Sptâr cabbruh ħafna, u il cnisja li miegħu bneŭha mill ġdîd fuk disinn tal Gafà is-sèna 1688, żmien is-Sultan Caraffa, chif għâdha tfaccarna li scrizzjoni f'id-daħla ta din il cnisja. Il Commendatur Fra Baldassri D'Amico, is-sèna 1664, u oħrajn dic il ħàbta ucoll, żiedu ir-renti ta li Sptâr, u mbagħd is-sèna 1710 u is-sèna 1717, it-tabib Lippu Ġacbu Gaŭci u il mâra tiegħŭ, reġgħu ħalleŭlu flejjes oħra, biex jiżdiedu is-sodod għal fkâr ta Malta. U fl'aħħarnett, fi żmien is-sultan Manŭel de Vilhena (chif jinsâb maħżuż fuk gèbla merfugħa li Sptâr) «l'Insara ħenneŭ bil gîd tagħhom biex dan li Sptâr icun jista jilka nies actar għal chenn tiegħu.»

F'Aŭŭissu 1883, dan li Sptâr, t il Gvern tagħna bèda jinkèda bih għal daŭc il morda ta li Sptâr tal Furiana li icun għâd jinħtigilhom tibdîla tal arja biex jitkaŭŭeŭ; u drabi jibagħtu fih ucoll xi morda m'ir-Rabat u mill Mdina u minn xi rħula ta daŭc in-naħjiet.

Li Sptâr l'ieħor li semmejna, chien dakxejn ta Dâr għal pellegrini fokra li jinzertaŭ igħaddu minn Għaŭdex. Dan ŭakkfu is-sèna 1454, Ciccu Bonnici minn Għaŭdex, u bèda biex ħallielu b'ŭirt ix-xiħaġa tal bìni li chellu, u oħrajn issuctaŭ iżîdu miegħu; iżda collox mbagħd ntilef meta it-Toroc ħàbtu fuk Għaŭdex u għamlu ħsara chemm felħu il 25 ta Lulju 1551.

L'Iskof Monsinjur Duzina, filli ħalla bil mictub ta meta mâr Għaŭdex is-sèna 1575, isemmi fuk dan li Sptâr taħt l'isem ta San Giljan li chien jinsâb fil Castell (*il Beld ta Għaŭdex*). Fih dan li Sptâr chienu jilkgħu minn tlieta sa erba' morda l'iżjed; u ir-renta tiegħu, ta dŭar il mitt scût f'is-sèna, chienu ikassmuha lil fokra fi diarhom.

Actar minn mitt sèna ŭara (l'1678) meta l'Iskof Monsinjur Molina mâr Għaŭdex għal vîżta, ried illi il morda jibdeŭ jilkgħuhom fli Sptâr u m'hŭx le iduru bihom fi diarhom; u talab lil Għaŭdxin igħinu ruħhom u jatu milli jistgħu, bħalma bèda biex għamel hu minn flusu. U dan li Sptâr râġa tŭakkaf ġmielu, l'actar fuk li ŭellielu Monsinjur Melchiorri Alferan, li chien Piriol tal Ordni.

Is-sèna 1783, nbèna Sptâr ieħor għa'n-nìsa ir-Rabat ta Għaŭdex, u dan taŭh l'isem ta S. Giljan ucoll; u l'ieħor tal Beld telkugħ għall collox. Dan li Sptâr, nerġgħu il kuddiem icollna għaliex nsemmuh.



*Il Canoncu Monsinjur Dun Frangisc Bonnici, D.D. li ŭakkaf l'Istitut ta's-Snajja għa't-tfâl, f'dâr il Ħamrun magenb il cnisja ta's-Samra, is-27 ta Aŭŭissu 1888; u żmien bi żmien, nġàbar fejn il-lum id-Dâr ta San Giŭżepp, bejn iż-żeŭġ Istituti tal Marchiż Censu Bugeja-Miet leiljet il Milied ta's-sèna 1905*

L'eŭŭel ħaġa, meta l'Ordni daħal Malta, ħasbu jibnu Sptâr ieħor il Birgu, biex fih il Cavalieri iduru bil morda; u is-sèna 1575, is-sultan La Cassière ŭakkaf Sptâr ieħor il Beld, fejn il-lum Sptâr għa's-suldati. Actarx li bèda biex mbèna is-salun il cbir ta dŭar it-tnejn u sebgħin kasba tûl; u il bkija fi żmien is-slaten Rafiel Cottoner u Perellos, li dan, is-sèna 1712, cabbru sa Str. Mercanti u bèna il Cappella li mieghu.

F'dan li Sptâr, chienu jilkgħu, bla ħlâs ta xejn, il morda collha, rgiel biss, seŭŭa fokra chemm għonja, u chienu minn chienu, u iduru bihom il Cavalieri u ituhom l'ichel f'servizz tal fidda; iżda, lil lsiera f'servizz ta li stann. F'ix-xitŭa, chienu idendlu l'arazzi mal ħitan; f'is-sajf iżejjnuhom bl'incŭatri.

Barra minn dan, chienu ikassmu għajnunjiet oħra ta flûs u ta duŭa lil cunventi; u ħobż u minestra lil fokra u lil mîn ma jiflaħx jaħdem, u jatu ix-xahar lil għomja, lil miflugin u lil mgiddmin Ta coll sèna, mbagħd, chienu jatu dota ta ħamsin scût lil seba' xebbjiet għa'ż-żŭieġ. Lil Maroniti, lil Grieghi u l'oħrajn l'icunu sejjrin jeŭ gejjin m'it-Terrasanta, u lil Missiŭnarji Cabuccini u Teresiani u Patrijet oħra, chienu jilkgħuhom fi diarhom u jitimgħuhom; u ikassmu flûs u igħinu lil ħafna nies

Dan li Sptâr chien mibni bil ħsieb l'idaħħlu fih daks erba' mitt ruħ; għâd illi is-sena 1786, meta John Howard, dac ir-ragel li bakagħ jissemma għal gîd cbir li għamel, giè iżûr il gżira ta Malta, sâb fih minn 510 sa 532 ruħ!

Dana Howard, fil ctieb tiegħu "*Il Lażżaretti tal Eŭropa*," isemmi fuk li Sptâr ta't-Trabi (*ulied il ħtija*)

jeŭ chif chienu igħidulu dac iż-żmien, *ir-Rôta*, li dan chien jagħmel minnu li Sptâr tal Cavalieri:

«Minn naħa ta barra ta's-sala, fuk l'arma tal Cavalieri, tinsâb curuna ta'r-rħam, u taħtha maħżużin fuk rħama bajda il chelmjiet *«Infantium incomitati»*. Hemm issîb nieka tal injam, iddur fuk fûs, li fiha jitkegħdu it-trabi li iridu idaħħlu li Sptâr, u minnufih icenĉlu biex icunu jafu bihom. Daŭn it-trabi, mbagħd, tieħu ħsiebhom il Majjistra ta li Sptâr, u din tibda biex titlakhom f'idejn xi mreddgħat m'ir-rħula, u fl'eŭŭel Nhar-ta-Ħadd ta'x-xahar iridu igibuhom magħhom u juruhom lil Majjistra biex jitħallsu. Darba inzertajt cont hemm u rajthom: chien fihom għaxka daŭn it-trabi, kaŭŭijin, ibiegħu is saħħa. F'dan li Sptâr ta't-Trabi, chienu jinsabu 39 tifia ta bejn is-7 u it-12 il sèna."

F'dan li Sptâr, bejn għal morda u għa't-trabi li mitlukin f'ir-Rôta, u bejn li jitkassam f'ichel u flûs, is-sèna 1796 chienu ntefku 146,481 scût, l'igibu madŭar it-12,207 liri.

In-nîsa tal Iblied u ir-Rħula chienu jibagħtulhom it-tobba fi diarhom, u id-duŭa u l'ichel li jinħtigilhom; u żeŭġ Cavalieri chienu dejjem iżuru daŭn il morda biex jaraŭ hux collox miexi seŭŭa, u chellhom għaxar tobba taħhom.

Dan li Sptâr bakagħ jaħdem sa geŭ il Franciżi f'Malta is-sèna 1798, meta lil morda ħaduhom fejn il-lum Tal Orfni, illi dac iż-żmien chien tal Maddaleni. Lil daŭn bagħtuhom, u li Sptâr tal Cavalieri, li chien msejjaħ is-*Sagra Infermerija*, żammeŭh għal morda ta'r-riġmenti tagħhom.



*X'uħud m'it-tfâl ta'd-Dâr ta San Giużepp tal Ḥamrun, fejn jitgħallmu is-snajja. Il-lum Direttur: Dun Giorġ Bugeja.*

Sa's-sèna 1850, ir-rġiel il morda bakgħu jilkgħuhom, f'dac li il-lum Tal Orfni; u in-nìsa minn naħa tiegħu ta Strada Mercanti, fejn chien dari tal Incurabbli. Billi is-sèna 1836, il Cummissiŭnarji li geŭ Malta għalku "Dâr is-Sengħa" li chienet il Furiana, il Gvernatur O' Ferral, is-sèna 1850 rèġa fetaħha bħala Sptâr għa'r-rgiel u in-nìsa, chif għâdha sa'l-lum.

Id-Dâr tal Maddaleni li semmejna, bneŭha il Cavalieri meta daħlu haŭn Malta is-Sorijiet Ospitalieri ta Sant'Orsla, illi l'Ordni tagħhom tŭakkaf, tista tgħid, ħàbta ŭaħda ma tal Cavalieri.

Daŭn is-Sorijiet ŭaslu Malta is-sèna 1583, żmien is-sultan Ugo Verdala, u bdeŭ biex marru jokogħdu fil Palazz ta's-Slaten, il Birgu, li chien bakagħ battâl minn mindu l'Ordni mâr igħammar il Beld; u tnax il sèna ŭara (1595), bnielhom id-Dâr tal Maddaleni, illi żmien bi żmien cabbruha is-slaten De Paula u Nicol Cottoner. Is-sèna 1609, lil Penitenti ġabruhom fejn il-lum «Tal Orfni.»

Biex daŭn is-Sorijiet ta Sant'Orsla icollhom mnejn igħixu, is-sultan Verdala ŭegħidhom sehem mill prizi ta'x-Xŭieni tal Ordni; u il kuddiem, meta lil Penitenti bagħtuhom għalihom, ħaseb ħargilhom il piazza mill flûs tal Ordni, barra minn dazju żgħir fuk l'imbît li jidħol Malta u sehem ieħor minn ħamsa ŭieħed ta xi ŭirtijiet li uħud minn nìsa ma setgħux jagħmlu minn rajhom. Ir-renta tagħhom żdieditilhom bil ŭirt ta Ġlorma Cassar, li chienet ħalliet chemm gîd chellha tagħha, bil fehma li jitŭakkaf cunvent għa'x-xeb bjiet minn nisel ic-Ciantar, billi is-sultan Wignacourt ma riedx li jimbneŭ

cunventi oħra geŭŭa il Beld; u dan il ŭirt tagħha, ftiehmu l'igħaddi lil Cunvent tal Maddaleni.

Żmien il Franciżi, meta dan il cunvent għamluh Sptâr, x'uħud minnhom il Maddaleni nġàbru ma nieshom u oħrajn daħlu fil Cunvent ta Santa Catarina, l'imbèna is-sèna 1606 bil ħsieb li jinġabru fih ix-xebbjiet, ulied in-nìsa li chienu ħadu it-triek l'imgħaŭŭġa.

«Dan chien l'eŭŭel Cunvent li għalku fi żmienhom il Franciżi; u Ransijat (*Ransigà)* bakagħ ma ràs ir-riġment li ŭassal bl'armi biex ħadd ma jiersak lejhom daŭc fosthom il Maddaleni li riedu imorru fil Cunvent ta Santa Catarina, chif ucoll biex in-nies, tarah jieħu ħsiebhom li ma jinħakrux, ma tmurx tirvella» chif isemmi Sir Ferdinandu Inglott fi ctieb żgħir minn tiegħu fuk il egħluk ta dan l'Istitut, daks chemm chien jâf jicteb hu, li għamel żmien Cuntrullur tal Istituti tal Carità, u colħadd jâf chemm ħadem biex giebhom il kuddiem.

Sal 1830, id-Dâr tal Maddaleni bakgħet battâla, sachemm nhar it-13 ta Marzu ta dic is-sèna, il Gvern, ŭara li ftiehem mal Papa Piu it-VIII, ħareġ digriet li ir-renti ta din id-Dâr u ta xi oħrajn bħalhom, igħaddu għal Dâr is-Sengħa (dic li aħna semmejna fil faċċ: 13) li fiha ħasbu ucoll għall daŭn in-nìsa l'iridu jibdeŭ igħixu fil ġàbra, u tŭakkaf hemm li Sptâr; u meta, mbagħd, il kuddiem, mbniet id-Dâr il Cbira tal Imghieret, il Gvern żammilhom naħa għalihom daŭn in nìsa jecc katt jiġu li jitolbu biex jidħlu hemm.

Nsemmu issa fuk il MONTI. Dan tŭakkaf żmien is-Sultan Fra Martin Garzes, meta f'Jannar tal 1597, ntakagħ il Capîtlu tal Ordni, u Fra Manŭel Couros,

portughiz, bèda biex ta' elfejn scût minn tiegħu• bil fehma l'in-nies tcun tista tibda tissellef fuk rahan, imma b'imgħâx żgħir.

Il Monti dâm daks mija u sentejn igeŭŭeż chif jista b'daŭn l'elfejn scût, sachemm fl'aħħar, is-sèna 1699 is-Sultan Perellos mâr għaddielu il ħames mitt scût, li il Korti tal Clistlanija chienet kabdet lil ŭieħed ħâti; u dic is-sèna, dan is-Sultan bagħatlu ucoll 4872 scût oħra, jigifieri in-nofs talli chienu imissu lilu milli nsabu moħbijin fl'imramma ta dâr li ħatteŭ li Mdina kuddiem il Catidral, biex sâr iz-zuntier.

Fuk daŭn il flûs l'insabu, chien nkalagħ it-taħŭid bejn Perellos u l'Iskof; it-tnejn dehrilhom l'imiss lilhom, u il Papa ta dac iż-żmien, Innocenzu it-XII, katagħha li jieħduhom nofs coll ŭieħed. U Perellos deŭŭeb sehmu minnufih, għamilhom zecchini ta 43 rbiegħi il ŭieħed u tahom lil Monti, B'daŭn il flûs u b'daŭc ta kabel, il Monti laħħak is-7372 scût tiegħu, li bihom mexxa il kuddiem sa's-sèna 1720, sachemm is-Sultan Zondadari ħareġ id-digriet li bih ġagħal lil Università tal Beld tislef lil Monti sitt elef scût bla mgħax, u il Monti chellu jibda joħroġ flûs m'hux fuk deheb u fuk fidda biss, iżda ucoll lil mîn jirgħan ħŭejjeġ tal għażel, tal ħarir u ta 's-sûf, seŭŭa ġodda u seŭŭa mżanżna.*

Żmien bi żmien dan is-sultan Zondadari, u il kuddiem is-Sultan Manŭel, ġagħlu l'Università tarġa tislef

---

* U ma hemmx ftit minn daŭn il ħŭejjeġ mżanżnin jeŭ ġodda, mirgħunin fil Monti! Coll meta imissni immur ma oħrajn nati dakka ta għajn l'id-deheb u fidda u ħŭejjeġ tal lbiesi maħżunin il Monti bħala rahan, kalbi nħossha tinsilet! (A. M. G.)



*Is-Soru Michelina ta's-Sorijiet tal Carità. Ŭara il meŭt tal Ven. Adelaide Cini, is-Soru Michelina bħala Superiura, u magħha Sorijiet oħra tal Carità, ħalleŭlhom fi ħsiebhom dan l'Istitut tal Ħamrun. fejn hı għaddiet l'aħħar 26 sèna ta għomorha, miġuba minn colħadd daks chemm chi.net thobbhom il mitt tifla tal Istitut. Mietet bħal sa sèna (fl'4 ta Aŭŭissu 1911).*

flûs lil Monti bl'imgħâx ta't-3 fil mija; u b'dan is-self l'ieħor, is-sèna 1729 il flûs tal Monti laħku it-58,893 Scût; u mbagħd żdiedu magħhom li taŭh f'ħajjithom Laŭra Agius, Ġużè Scipiŭn Camilleri, u il Balliju Fra Gaspru Carnero u is-Sultan Pintu, is-sèna 1763, b'it-12,000 scût li hu ried jati minn tiegħu.

Tarġa, is-sèna 1787, is-Sultan de Rohan għakkad flimchien ma tal Monti, ir-renti għal Fidŭa tal Lsiera (li din nitchellmu fukha il kuddiem); u b'digriet ta't-18 ta Settembru ta sentejn ŭara, dan is-sultan ħaseb u ra chif daŭn il flûs collha għandhom jinħadmu għal gîd ta mîn tinħtieġlu l'għajnuna. Sèna ŭara l'għakda tal Monti ma tal Fidŭa (1788), daŭn isellfu 38,000 Scût b'it-3 fil mija, bil fehma li bihom jitiħallsu l'20,000 Scût li chellha tieħu l'Università, u bil bkija jitħallas id-dejn illi il Monti chien għâd fadallu fuk id-*Djar ta Rospigliosi* li xtrahom żmien kabel.

Il gîd li chien kiegħed isir, ħŭejjeġ cbar; issa billi! Għaxar snîn ŭara il għakda li semmejna, il Franciżi, is-sèna 1798, serku chemm rhuna u flûs ŭakgħulhom taħt idejhom; b'collox, dŭar l'420,000 Scût!

Fuk din il ħsara collha, il Monti ŭaka' f'ix-xejn; u Sir Alexander Ball, bil fehma l'iseŭŭi mill aħjar li satagħ dan il għaŭġ, b'id-digriet ta nhar il 10 ta Ottubru 1800, silef 50,000 scût li jitħallsu ħamest elef f'ix-xahar; u ŭara sèna, b'digriet ieħor ta't-2 ta Ottubru 1801, il Monti chellu jibda iħallas l'imgħâx fuk il flûs li mislufa għandu minn kabel u ŭara il għakda ta'r-renti tiegħu ma daŭc tal Fidŭa tal Lsiera.

Għall eŭŭel ma tŭakkaf, il Monti chien jinsâb il Beld fl'Uffizju tal Ġurati; mbagħd, ħaduh fil Korti tal Clistla-

nija; u actar il kuddiem, is-sèna 1773, ħaduh fejn jinsâb il-lum; u minn April tal 1899, taħt idejn il Contrullur.

Daŭc il għaxar snîn minn kabel ma tŭakkaf il Monti, u seŭseŭŭ is-sèna 1607, Fra Ratjel, Cabuccin malti, dac illi xi snîn kabel, is Sultan Verdala chien bagħtu il Furiana igħin ruħu għal Cunvent tal Cabuccini, fil ŭakt li chien jippriedca f' San Ġŭan, ħajjar lil daŭc li chienu jisimgħuh, li jigimgħu bejniethom bil feħma l'icollhom biex jifdu li Nsara mill jasar. Daks chemm għaraf issemmîlhom fuk l'akŭa tbatijiet ta daŭc l'imsejcnin ilsiera, u daks chemm in-nies ntxegħlet bil ħrara, il Cavalieri u il Maltin għânu u mill actar; u is-Sultan Fra Alofju Wignacourt, għaliex dan ġàra fi żmienu, b'id-digriet li ħareġ nhar it-13 ta Ġunju ta dic is-sèna, ŭakkaf il «Monti għal Fidŭa tal Lsiera.»

Madŭar tnax il sèna, dan il Monti tal Fidŭa ħàdem billi chellu; iżda, is-sèna 1619, nkalgħet Catarina, mart Ettore Vitali, bint il cbarât, u chitbet lil dan il Monti, tista tgħid, colma chellha, b'it-testment tagħha ta't-28 ta Marzu 1618; u fost il ħŭejjeġ l'oħra, il kàsam ta Selmun, ta dŭar il 170 modd ràba. B'dan it-testment, din Vitali ħalliet lil bintha Sabellica, mart Centorju Cagnolo, sehem żgħir tal ŭirt tagħha, bil fehma li jecc ma tħallix tfâl urajha, dac is-sehem imur ucoll il Sptâr; chitbet minn ħamsa ŭieħed tal ŭirt tagħha, lil Cunvent tal Maddaleni, u il bkija lil "Monti għal Fidŭa tal Lsiera."

Jecc tmorru dic il maŭra sal cnisja ta Selmun, taraŭ fuk l'artal ncŭatru tal Madonna tal Ħniena magħmul minn Favrey. Din Catarina Vitali mietet Serkuża, nhar it-3 ta April 1619; u dic is-sèna gebuha Malta u

difnuha fil cnisja tal Carmnu il Beld: is-sèna 1790, il Monti ħaseb fl'aħħar ikiegħed rħama fuk kabarha! Is-sèna 1877, meta iċċangaŭ b'ir-rħam il cnisja, il Gvern ħallas biex din li scrizzjoni tisseŭŭa u titkiegħed mal ħajt ta f'ŭaħda mill cappelli tal ġnub.

It-tabib Gian Duminc Felice, is-sèna 1625, chiteb sitt elef scût għal Monti; u ħamsa u għoxrin sèna ŭara (1650), il Monti ŭiret li chitbulu il Cavalier Ġacbu Inigo u Lucas Garnier.

Għall eŭùel ma tŭakkaf, il Monti bèda iħallas 70 scût għal fidŭa ta Malti lsir, u 150 scût għal coll Cavalier tal Ordni; iżda, meta il flûs żdiedu, bdeŭ jistgħu iħallsu 200 scût għal Malti u 500 għal Cavalieri. Sal 1787, il Monti għal Fidŭa tal Lsiera, għamel colma satagħ biex jeħles l'imsejcnin lsiera minn taħt idejn l'egħdeŭŭa tal nsara; meta, mbagħd, għadda dan iz-żmien kalil, il Monti għa's-Self tal flûs u dan l'ieħor għal Fidŭa tal Lsiera, ngħakkdu ma xulxin, chif għidna, għal għajnuna tal Maltin il fokra.

Fuk hecc li mbniet id-Dâr tal Incurabbli, is-sèna 1642, żmien is-Sultan Lascaris, bi flûs Catarina Scappi,* mill beld ta Siena fl'Italja, biex fiha din id-Dâr isibu ħajt tal chenn daŭc in-nìsa il morda li għalihom ma hemmx fejkien. Màra oħra, Flaminja Valenti, fl'Attijiet ta Gaspru Chircop, ta't-12 ta Frâr 1717, ħalliet lil

---

* Il Monti, fl'uffizzju tal Cuntrullur, jinsâb ittratt tagħha ta'ż-żejt, b'daŭn il chelmjiet: «*Caterina Scappi* Sanese fondatrıce del Venle. Ospedale Delle Donne della Città Valletta L'Anno 1642.» Jinsâb hemm ucoll, ittratt ta Flaminja Valenti, *omm Margarita Valenti, mŭelda Pittardi.* (A.M.G.)



Ven. Adelaide Cini.

din id-Dâr ŭirt żgħir ieħor, u l'Ordni żied minn tiegħu colma chien jinħtieġ biex jistgħu idaħħlu nies actar. Is-Sultan Manŭel de Vilhena, is-sèna 1727, fetaħ żeŭġt idjar oħra ma din tal Incurabbli, fi Str. Mercanti l'isfel; u ŭaħda minnhom żammhu għal imsejcnin nìsa li icun darilhom moħħom.

Fuk hecc, mbagħd, nkatgħet id-draŭŭa tal Cavalieri l'imorru iduru ma'n-nìsa il morda fi diarhom u jibagħtulhom id-duŭa, ħlief xi darba l'haŭn u l'hinn: u id-Dâr tal Incurabbli telkuha fi ħsieb il "Cummissarji tal Fkairjiet," barra, iżda, m'is-sodod ta Catarina Scappi, li bakagħ jagħmel minnhom dac li fosthom il Cavalieri li mŭeldin Siena, chien îlu l'actar fl'Ordni.

Bakgħet sejjra hecc, sachemm is-sèna 1850, żmien l'Ingliżi, bdeŭ jibagħtu f'dan li Sptâr l'ir-rgiel ucoll ta li Sptâr ta bisŭitu—li issa Tal Orfni;—il morda kabdu jibagħtuhom li Sptâr ic-Centrali il Furiana, u id-Dâr tal Incurabbli seŭ nìsa u seŭ rgiel, żammeŭha għalihom biss Fl'aħħar, f'Ottubru tal 1892, daŭc tal Belt u tal Ospizju tal Furiana, ġabruhom ilcoll id-Dâr tal Nghieret, li mbniet għalihom.

Naraŭ issa chif żmien is-Sultan Manŭel de Vilhena, tkalleb collox; iżda, għall aħjar. Mbniet il Furiana, is-seŭŭeŭ li sŭar tal Birgu, tellgħu is-sûr ta's-Salvatur, u daŭc tal Gżira li iggîb ismu, tŭakkaf it-Tïatru Manŭel, mbèna li Sptâr ta Għaŭdex, l'Ospizju tal Furiana u il Conservatorju għa't-Tfailjiet il fokra, dac li il-lum li Sptâr ic-Centrali; u dan, barra milli tcabbru l'Istituti l'oħra ta żmienu.

Semmejna li Sptâr ta Għaŭdex. Tasseŭ illi is-sèna 1719 il Canoncu Dun Giammarì Camilleri chien chiteb

f'ħajjtu il gîd tiegħu collu għal dan li Sptâr; iżda, li Sptâr mbèna fi żmien Manŭel de Vilhena u hu ħareġ minn butu ucoll, u tlesta għaxar snîn ŭara (1729); u biercu l'Iskof Dun Paŭl Alferan, nhar l'14 ta Ottubru. Il Cavalier Enricu de Mondion, l'inginjer li bnieh u li bèna ucoll Forti Manŭel, miet is-sèna 1733, seŭ Nhar il Milied, u jinsâb midfun fil cnisja tal Gżira.

Il Canoncu Camilleri u il màra xiħa li chienet takdih, sabuhom maktulin f'id-dâr tiegħu tal Gran Castell ta Għaŭdex; u fuk li hu chiteb li chellu għal li Sptâr, xterdet ix-xniegħa li katilhom xiħadd jigi minnu biex jitħallas talli tilef il ŭirt li minn għalih chiecu imiss lilu.

Fl'Attijiet ta'n-nutar Bartulmeŭ Paschali, ta nhar it-28 ta Ottubru 1729, nsibu li Manŭel de Vilhena daŭŭar għal li Sptâr ta Għaŭdex chemm chellu ràba u flejjes Giŭzè Cassar, fuk li il Korti tal Clistlanija kategħthielu li il Għoġol ta'd-Deheb chien jinsâb f'idejh; u ħlief jecc hu iroddu l'is-sultan, il gîd tiegħu le ma jierġgħu ituhulu.

Din tal Għoġol ta'd-Deheb, tinsâb msemmiha fil ctieb ta'c-Ciantar "*Malta Illustrata*" fejn hu igħidilna li żmien Manŭel, ŭieħed bidŭi fkir, ŭakt li chien jagħżak fuk il għolja ta Ghelmus, sâb dakxejn ta îdlu ta'd-deheb il għamla ta għoġol, b'żeŭġ fosos bħal għainejn u ħaġra oħra acbar minnhom f'ir-râs tiegħu. Għalih, dan il bidŭi, katagħ sandar b'it-teftifa li iddobba tiegħu minn għand ŭieħed Għaŭdxi jagħmilha tajjeb x'ħin dac l'imsejchen mâr jistaksih riedx ibiegħhulu. Meta is-Sultan samagħ biha din tal għoġol, bagħat dlonc għalih u ried jâf minn għandu chif chienet; iżda, għalxejn! Dan ir-ragel temm ħajjtu fli Sptâr, marbut bħal lsir; u talli

hu chien dan Giŭżè Cassar, jidher mill Ctieb tal mejjtin fli Sptâr, fejn nhar is-26 ta Aŭŭissu 1729 jinsabu mictubin b'it-taljan daŭn il chelmjiet: "Giuseppe Cassar del Gozzo, forzato di anni 73 in circa, figlio del fu Mar cello," jigifieri *"Giŭżè Cassar minn Għaŭdex, ħabsi, ta dŭar it-73 sèna, bin Marcell."*

Dan li Sptâr ta Għaŭdex, msemmi "ta San Giŭann u ta Sant'Antnin" għall eŭŭel chien għa'r-rgiel biss ; il kuddiem, mbagħd, bdeŭ idaħħlu fih rgiel u nisa.

Ŭara dan, is-Sultan Manŭel de Vilhena bèna il Furiana id *"Dâr tal Carità,"* jeŭ Ospizju, li issa sejjrin nsemmu.

L'Ospizju tŭakkaf fl'Attiiiet tal 10 u is-16 ta Dicembru 1732 għal «*Poveri Invalidi, alli miseri pazzi e zitelle pericolanti*» (jigifieri għa'x-xjuħ bla saħħa, għal mgienen u għa'x-zebbiiet f'it-tiġrib). Għal ankas, daŭn ix-xjuħ ma bakgħux fl'Imħażen li chienu mbneŭ is-sèna 1665 biex fihom jaħdmu u jaħżnu il porvli, u bdeŭ jistchennu hemm ħàbta ta's-sèna 1729, sa mbniet id-Dâr tal Carità, jeŭ Ospizju illi msemmi fl'Attijiet li għidna. B'dota, taŭha xi taxex fuk il beigħ ta's-sublimât u fuk xi nolijiet ta li schejjen.

Id-Dâr tal Carità li semmejna, taha l'isem ta Ospizju is-Sultan de Rohan, is sèna 1785 u ħareġ ligijiet għalih li chien fihom għaxka u bakgħu jaħdmu sa meta il Gvernatur Maitland, b'digriet tal 15 ta Jannar 1816, gedded collox fl'Istituti tal Carità.

L'Ospizju, żmien bi żmien, bdeŭ idaħħlu fih in-nìsa li jibagħtuhom il ħabs, sachemm bneŭlhom għalihom il Ħabs ta'n-Nìsa f'Cordin. Żmien Sir Alexander Ball, is-sèna 1804, bdeŭ idaħħlu fih it-trabi ulied il ħtija ; u

is-sèna 1848, il Maddaleni ucoll, meta daŭn iż-żeŭġ Istituti għalkuhom.

Manŭel de Vilhena, sentejn kabel meŭtu, ŭakkaf il "Conservatorju ta's-Sultan" li issa li Sptâr ic-Centrali tal Furiana; u f'ŭieħed mill ħitan, għâdcom tistgħu taraŭ ix-xbieha tiegħu ta'r-rħâm, bħala tifchira.

F'id-Dâr għal Bniet, chienu iżommu xi mija u sittin tifla, igħallimuhom ix-xogħol u ituhom nofs il kliegħ għalihom; u ta coll sèna, barra minn dan, jatu dota ta erbgħin scût għa't-tieġ lil erbgħa fosthom.

Is-sèna 1825, l'isem ta "Dâr għal Bniet" tbiddel "f'Dâr is-Sengħa"; u ħames snîn ŭara (l'1830), ir-renti tal Maddaleni u l'oħrajn, għaddeŭhom lilha; u ħil ħin ħasbu iżîdulha xi sŭali għal daŭn il Maddaleni.

"Dâr is-Sengħa" fuk li ħajjruhom il Cummissiŭnarji li geŭ is-sèna 1836, bil ftit il ftit bdeŭ igħallkuha, u l'ix-xebbjiet jatuhom is-sensja; u il Maddaleni ġabruhom fl'Ospizju chif għidna. Iżda, ŭara collox, is-sèna 1851, nfetaħ "Tal Orfni" fejn għâdhom jinsabu il-lum, l'isfel ta Strada Mercanti.

L'aħħar li laħku bneŭ il Cavalieri, hua li Sptâr ta San Giljan, ir-Rabat ta Għaŭdex (*il-lum il Beld Vittorja*), li bierec l'eŭŭel gèbla tiegħu l'Iskof Labini, nhar it-3 ta Mejju tal 1783; u colħadd għân milli sa‸tagħ, tibda minn Monsinjur Labini. Li Sptâr, mbagħd, tal Gran Castell, illi minn żmien Manŭel bakagħ għa'n-nìsa biss, għalkuh, billi issa nfetaħ għalihom dac ta San Giljan. Dan fl'aħħar ngħalak ucoll is-sèna 1838, fuk li mbèna l'ieħor li semmejna bi flûs il Canoncu Camilleri.

La darba issa tajtcom ħiel talli għamel l'Ordni

għal gîd tal Maltin, jaħbat li nibda nsemmi dac li sâr mindu daŭn il Gżejjer tagħna ngħakkdu mal Ingliterra.

Sa's-sèna 1805, il fokra ta Għaŭdex ma chellhomx għajnuna mill «Monti għa'r-Rahan», għâd li Malta chienet îlha bih mal mitejn sèna. Lippu Castagna, Gvernatur ta Għaŭdex, talab biex chiecu jitŭakkaf dan il Monti hemm ucoll, l'actar għaliex dac iż-żmien b'ħafna tbatija cont trid tmur jeŭ tigi minn Għaŭdex. B'digriet tal 5 ta Aŭŭissu ta dic is-sèna, Sir Alexander Ball temma xeŭkat il Għaŭdxin, u il Monti nfetaħ fli Sptâr, nhar it-2 ta Jannar 1806 u bakagħ hemm sa's-sèna 1884, meta ħaduh geŭŭa il Banca tal Ġurati, f'it-tòc ta'r-Rabat, il-lum il Vittorja.

Il Monti ta Għaŭdex bèda jaħdem b'it-3000 Scût li kassmilhom Sir Alexander Ball, sehem mill priża tal Franciżi ta meta ġagħluhom jitilku mill Beld. Daŭn il flûs, żdiedu billi għaddietlu l'Università u billi chien jinsâb fil Korti sal 1814; u tliet snîn ŭara, il Monti ta Malta għadda lil ta Għaŭdex, 8000 scût oħra. Fl'aħħar, is-sèna 1841, il Monti ta Għaŭdex tħallat ma ta Malta, u sâr ħaġa ŭaħda miegħu.

Chif semmejtilcom kàbel, f'Mejju ta's-sèna 1850,il Conservatorju tal Furiana, maħluk għa'x-xebbjiet minn Manŭel de Vilhena, mbìdel fli Sptâr ic-Centrali.

F'Għaŭdex, ma li Sptâr żdiedet Dâr għa'x-Xjuħ żmien il Gvernatur Sir Richard More O'Ferral; u fl'24 ta Jannar 1851, daħħlu fih 172 xjuħ, rgiel u nìsa.

F'April ta's-sèna ta ŭara (1851), nfetaħ tal Orfni għa's-subien u il bniet, fejn kabel chienu jinġàbru il Maddaleni u 1798 chien Sptâr għa'r-rgiel, li fuk hecc ħaduhom il Furiana.



Il Marchiża Anna Bugeja



IL MARCHIŻ CAV. CENSU BUGEJA C.M.G.

Is-sèna 1853, Għaŭdex, mal Monti nfetħet il Banca għal mîn icun irid ikiegħed l'ifaddal u jieħu l'imgħâx fuku.

Ftit snîn ŭara (nhar is-16 ta Lulju 1861) nfetħet id-Dâr ta Ŭied Incita, krîb Ħ'Attard, għal msejcnin li chienu il Furiana f'Ta Francuni, u li chien mbèna mill Balliju Fra Fabriż Franconi, u il-lum mogħti cens mill Gvern. Żmien is-Slaten, daŭc li jaħasra icunu tilfu moħħom, chienu idaħħluhom f'is «Sagra Infermerija» fejn il-lum li Sptâr ta's-suldati fi Str. Mercanti, u chienu miżmumin tista tgħid taħt l'art, b'dakxejn ta tŭieki taħt is-sakaf li jatu fuk strada Pozzi; u oħrajn, mbagħd, fl'Ospizju tal Furiana (għâd li dan chien tŭakkaf għa'x-xjuħ u'l morda), u in-nìsa chienu iżommuhom f'tal Incurabbli, l'isfel ta Str. Mercanti Ma ngħidu xejn fuk it-tbatijiet ta daŭn l'imsejcnin: mitmugħin ħażin, mlibbsin mill agħar, igibu ruħhom magħhom bla kalb ta xejn!

Żmien il Franciżi, ir-rgiel mgienen chienu jixħtuhom f'kiegħ il cantini ta'd-Dâr tal Maddaleni fejn il-lum tal Orfni; u in-nìsa fl'Ospizju tal Furiana. Żmien Maitland (1816) ġabruhom ilcoll l'Ospizju tal Furiana, u il Gvernatur Sir Henry Bouverie, is-sèna 1837, riedhom f'ta Francuni. Haŭn, imma, id-diek ŭisk u il l ìni ma chienx jinkala' għal dan ix-xogħol; daks chemm l'imsejcnin li morda b'rashom, sabu ruħhom ħażin, is-sèna 1847 il Gvernatur O'Ferral ħenn għalihom u ried li timbèna Dâr suriet in-nies. Imma, għaddeŭ is-snîn sa kabel nbniet id-Dàr ta Ŭied Incita: bdeŭha fil 1853 fi

żmien Sir William Reid u nfetħet żmien Le Marchant, is-sèna 1861.*

Il-lum, f'id-Dâr ta Ŭied Incita, l'imsiechen morda għandhom ix-xogħol tal biedja u coll xorta ta xogħol ieħor biex iderrulhom, u bosta minnhom iħeku daks chemm iduru bihom.

Nhar il 20 ta Marzu 1882, nfetaħ Sptâr il Furiana għa'n-Nies tal Baħar li jinzertaŭ jinżlu Malta.

Il Lażżarett reġgħu rifduh għal mard li jirticheb, seŭŭa għal Maltin u seŭŭa għal mîn icun gejj minn artijiet oħra. Dan, bèda biex ŭakkfu is-Sultan Lascaris fuk il Gżira tal Manŭel is-sèna 1643, ŭara li partatha mal oksma "Tal Fiddjen" li tahom lil Catidral, għax il gżira chienet f'idejn l'Iskof. Slaten oħra cabbru il Lażżarett; l'akŭa fosthom, is-Sultan Manŭel. Żmien Bouverie (1837 38) mbèna li Sptâr ta magenbu.

Lascaris ħaseb jibni il Lażżarett, għaliex fi żmienu il pesta chienet taħchem ta sicŭit fil Lvant u ix-xtajjta tal Baħar ta madŭarna, u actar minn darba kerdet ħafna nies f'daŭn il Gżejjer tagħna. Tibda mînn dic ta's-sèna 1519 l'isemmi fukha il franciż Miège fii ctieb "Histoire de Malte" li chiteb; il mard râġa daħal

---

* Mîn jakra bl'ingliż u jixtiek jâf ħex chienu jinsabu l'Imgienen tal Ospizju tal Furiana, jara chif jagħmel jiddobba il ctieb ta Sir Ferdinandu Inglott ta's-sèna 1867 "*Brief Historical Account of the Treatment of the Insane in Malta*"; u is-sèna 1886, "*The Mad House" in Villa Franconi, Floriana as found in January 1859*" u id-dakka ta għajn fuk chif sabhom daŭn l'Istituti "Statement of the Hon. F. V. Inglott, C.M.G." (1892) (A. M. G.)

Malta f'is-saif tal 1592 u iddaŭŭar f'nofsna sittax il xahar u nkerdu ma't-3800 ruħ!

Dic il ħàbta, is-Sultan Verdala, saŭŭar dakxejn ta Lażżarett, imma ħŭejjeġ żgħar. Lascaris, chif għidna, għamel xiħaġa aħjar; imma, b'dan collu, il pesta reġgħet żâret lil Malta is-sèna 1675, u mietulha tal ankas 11,300 ruħ! L'aħħar li din il marda hecc kalila daħlet Malta, fi żmien l'Inglizi is-sèna 1813; għaliex mill bkija taħt Rohan, ma mietux biha ħlief x'uħud l'haŭn u l'hinn: ftit fil Lażżarett, oħrajn fuk xi scuna, u ieħor il Ħabs tal Beld.

Fil pesta tal 1813, chif ħalla bil mictub il Baruni Depiro fi ctieb li ħareġ is-sèna 1833, u mbagħd il kuddiem it-tabib W. H. Burrell is-sèna 1854, għalchemm il General Oakes u Sir Thomas Maitland (li chellu x'jaksam ħafna miegħu dan il mard f'Corfù u Ceflanija kabel ma giè haŭn, nkerdu f'Malta mal 4500 ruħ; u x ħin il pesta daħlet Għaŭdex xi sèna ŭara, mietu biha fuk il mitt ruħ.

It-tbatijet u il għaks, ħŭejjeġ li ma jitŭemmnux: u il Caxxa ta Malta nefket 2,583,685 Scût, l'igibu bejn ŭieħed u ieħor 232,531 lira! Minnhom, il Gvern ingliż ħareġ £172,750 u il Caxxa ta Malta sentejn ŭara radditlu £16,875 u il bkija bakagħ mħallas mill Caxxa tal Inghilterra, mħabba fl'ntefak għal Gvern ta Malta.

Nittamaŭ f'Alla u filli ŭieħed igħin ruħu mill aħjar, illi neħilsu minnhom daŭn iż-żiajjar ta kirda hecc kalila. (Sentejn îlu, niżżlu Chemmuna ŭieħed bil pesta minn fuk vapur ingliż; imma, daks chemm daru bih bil ħniena, il marid, f'hajjiêt Alla, fiek u il marda ma daħlitx Malta; ntefku daks 800 lira. (A. M. G.)

Nerġgħu, issa, għall Istituti, għâd illi il-Lażżaret nistgħu nkisuh magħhom, għalchemm li m'hux f'idejn il Cuntrullur għal collox, u nsemmu id-Dâr tal Nghieret il Marsa, l'infetħet nhar it-3 ta Ottubru 1892. Il bìni tagħha, mbèda fl'1886, fi żmien il Gvernatur Sir Lintorn Simmons, li ħabrec ŭisk għalih; għâd illi il pianta għamilha l'inginjer T. H. Wyatt ta Londra is-sèna 1862 miftiehem ma Sir Ferdinandu Inglott, li chien dic il ħàbta il Cuntrullur. Din id-Dâr tal Nghieret, kamet madŭar is-60,000 lira bil ħsieb li tilka 930 ruħ. (Il-lum jinsabu fiha mal elf ruħ. A.M.G.)

Għandna, mbagħd, li Sptâr l'ieħor ta Għaŭdex għal xi mard li jirticheb; u dan nfetaħ il 21 ta Ottubru tal 1897 f'dâr minn tal Gvern, f'nofs ir-ràba, fuk it-triek bejn li Mġarr u il beld Vittorja.

L'aħħar li mbèna mill Gvern, li Sptâr tal Ġdiem għa'r-rgiel, il fuk minn ta'x-Xjuħ tal Nghieret, u l'eŭŭel ma bdeŭ idaħħlu fih l'imsiechen morda, nhar it-28 ta Marzu tal 1900.

B'collox, daŭn l'Istituti u is-37 Spiżżerija tal Gvern b'it-tobba l'iduru mal morda fkâr, fi diarhom, u id duŭa li jitkassmilhom, is-sèna 1900 geŭ kamu lil Caxxa ta Malta (minn bar ra il pensionijiet) 56,283 lira.

***

Sa haŭn li Sir Richard Micallef kalilna nhar il 20 ta'x-xahar ta April 1901, jigifieri fuk l'Istituti li chienu jinsabu Malta u Ghaŭdex minn kàbel ma geŭ haŭn il Cavalieri ta Giŭann, is-sèna 1530; fuk daŭc li tŭakkfu fi żmienhom, sal 1798; u fuk l'oħrajn li mbneŭ mindu il Gżejjer tagħna jagħmlu mal Inghilterra. Issa ngibu iż-żieda li hu għoġbu jibagħtilna f'Settembru li għadda:



Fra Diegu.

Is-17 ta Dicembru 1898, il Gvernatur Sir Arthur L. Fremantle, kiegħed l'eŭŭel gèbla tal Istitut fejn il-lum jinsabu is-Salesiani ta Dun Bosco. L'eŭŭel ma ħabircu għalih, chienu is-sur Alf. M. Galea u is-Sinjura tiegħu, bil ħsieb li jibka bħala tifchira xierka tal Ġubleŭ ta'r-Regina Vittorja il-Tŭajjba; u actar il kuddiem is-Sinjorina Giannina Pullicino ħasbet tati elf lira għal Cappella.

Għal bìni ta dan l'Istitut, billi żdied sal 1911, ntefku 7,361 lira, li minnhom daks 5000 lira ħariġhom il Gvern, u £281. 16. 5 chienu bakgħulu ma ntefkux milli nġàbru għal festi il cbar li saru Malta għal Ġubleŭ ta'r-Regina. Dan l'Istitut nfetaħ nhar is-16 ta Meiju 1904, żmien il Gvernatur Sir Charles Mansfield Clarke; fih it-tfâl jitgħallmu is-snajja. Il bkija tal Istitut bil ħsieb li jinbèna meta il Gvern icollu mnejn. Dac in-nhar ucoll l'Arciskof-Iskof ta Malta, Monsinjur Pietru Pace, bierec l'eŭŭel gebla tal Cappella tal Istitut.

Fih dan l'Istitut, igħammru u jitgħallmu erbgħin tifel; il Gvern iħallas għal tletin biss minnhom, b'colma jinħtieġ għalihom u għal bìni; u il għaxart itfal l'oħra jaħsbu fihom il Patrijiet is-Salesiani. Il gîd illi kiegħed isir f'dan l'Istitut, ħŭejjeġ cbar; u għâd jidher actar la darba it-tfâl jilħku is-snîn tagħhom u icollhom jibdeŭ jaħsbu għa 'r-rashom, bħal x'uħud fosthom illi kabdu ġmielhom seŭŭa haŭn Malta chemm barra minn Malta.*

Meta id-Duca ta Connaught chien haŭn, samagħ bil ħsieb tal Gvern li iŭakkaf Sptâr għal fokra morda bil marsottin, biex daŭn ma jibkgħux mħalltin mal morda

---

* X'uħud siefrulec għal Canadà, Tunes, Lixandra, u sejjrin il kuddiem. (A.M.G.)

l'oħra ta'c-Centrali, u ried iħallîlna tifchira tiegħu billi nefak 800 lira minn butu għalli chien jiħtieġ biex jirtmaŭ daks sittin sodda fil Korti il Kadima ta's-Slaten inti u dieħel li Mdina li seŭ dic il ħabta reġgħet ŭakgħet taħt idejn il Gvern. Dan li Sptâr nfetaħ m'is-Sultan Dŭardu is-VII it-22 ta April 1909, u semmeŭh "Li Sptâr ta Connaught tal Korti il Kadima." Il-lum is-sodod laħku ħamsa u disgħin, billi il Gvern niffed ma dan li Sptâr dâr oħra tmiss miegħu, li ħadha b'cens minn għand ta Cavarra.

Sa Marzu ta's-sèna 1910, in-nìsa li chellhom xi mard li ma jissemmiex, fuk id-Digriet IV tal 1861 chienu iżommuhom għalihom fli Sptâr tal Furiana "li Sptâr il Makful." Billi fejn chienu, nħtieġ biex iŭessgħu li Sptâr, lil daŭn in-nìsa chellhom ŭarbuhom għalihom, f'id-Dâr tal Nghieret; u dan ġàra nhar il 5 ta April 1910; u b'hecc ic-Centrali rebaħ ma't-tnax il sodda oħra.

Tliet xhur ŭara dan, nhar is-7 ta Lulju, tbierchet il cnisja tal Nghieret, li chienet tinħtieġ tasseŭ, għaliex sa dac iż-żmien, chienu jinkdeŭ b'ŭaħda m'is-sŭali ta'n-nìsa, u ankas colħadd ma chien jista jidħol fiha u x'uħud jibkgħu bla kuddies. Il-lum din il cnisja tinsâb f'nofs il bìni hecc chif tidħol.

Semmejna li Sptâr għal Ġdiem għa'r-Rġiel. Imma, is-sèna 1904, il Gvern ħareġ l'eŭŭel 3000 lira biex jinbèda ix-xogħol ta Sptâr għal Ġdiem għa'n-Nìsa; u ta coll sèna il Gvern bakagħ dejjem joħroġ il flûs, sachemm bħal sa sèna, dan il bìni temmeŭh.

Li Sptâr ic-Centrali bakagħ dejjem donnu jiċchien! X'satagħ isir biex jicber dakxejn? Il Gvern ftiehem ma's-Sorijiet *il Blù*, daŭc li għandhom f'idejhom li Sptâr ta

Zammit-Clapp, biex jibda jibagħtilhom in-nies tal baħar li jimordu u iniżżluhom Malta. U nhar id-29 ta Aŭŭissu 1911, marru fli Sptâr ta Zammit-Clapp l'eŭŭel morda; u fli Sptâr ic-Centrali geŭ żdiedu tlietin sodda.

Li Sptâr ta Ŭied Incita li nfetaħ fl'Lulju tal 1861, jinsâb il-lum mkassam hecc: il Bdieŭa b'ir-ràba u Dâr għalihom, li bdeŭ igħammru fiha it-30 ta Ottubru 1892 (daks sittin ŭieħed); li Sptâr għa'n-Nìsa, b'erbgħin sodda, li dan tlesta f'Novembru 1894; li Sptâr għa'r-Rgiel, b'erbgħin sodda, li temmeŭh ħàbta tal 1896; Taksima għa'r-rgiel li bejn iva u le tilfu id-dehen, u li fiha jistgħu jinżammu xi sebgħa u erbgħin ŭieħed; u oħra, għall erbgħin màra. L'eŭŭel Taksima bdiet titgħammar f'Lulju 1899; u l'oħra f'Aŭŭissu ta's-sèna 1910; u fl'aħħarnett, Taksima oħra għal daŭc li tcun bagħtithom il Korti għal xi ħtija li fiha jakgħu.

Imma, b'dan collu, billi żiedulu minn sèna għall oħra, il-lum f'dan Sptàr ta Ŭied Ncita, sa Aŭŭissu ta's-sena li għaddiet (1910) chienu jinsabu 770 marid.

Għal daŭn l'Istituti collha li jagħmel minnhom il Gvern, u għal bìni u it-tisŭijiet, u jitħallsu it-tobba tagħhom, chif ucoll id-duŭa, u il għainunjiet l'oħra ta flûs u ta coll xorta, in-nefka ta bħal sa sèna (1910-1911), ntelgħet £75,293-13-1. Dan jigifieri li in-nies còtrot bil bosta u il fakar chiber ŭisk ucoll.



Monsinjur Dun Sidor Formosa.

ALF. M. GALEA

**It-Tieni Taksima**

# L'ISTITUTI L'OHRA TAL CARITÀ MALTA U GHAUDEX



MALTA—1912.

*Kabel xejn,*

*biex le ma nonkoshom lil daŭc li għoġobhom igħinuni f'dan ix-xogħol, nsemmiehom haŭn l'eŭŭel ħaġa; u niżżiehom ħajr talli għamluli il kalb. Għaliex mingħajrhom, mnejn cont ncun nista nâf dan collu li ctibt? Nibka, mela, nafulhom lil Dun Giŭann Patist Spadaro, Dun Luka Attard, Mons. Dun Alfons M. Hili, Can. Dun Giŭżepp Bonanno, u Conti Carŭana Gatto, seŭŭa talli chitbuli u seŭŭa talli kabbduni it-tarf ta fejn stajt nfittex aħbarijiet li chienu jinħtiġuli; u lil ħatni J. F. Asphar, talli ħażżiżli l'arma ta żmien is-Slaten, chif taraŭha fl'eŭŭel facciata ta dan il ctieb.*

ALF. M. GALEA.

# L'ISTITUTI L'OHRA TAL CARITA'

*L'aħŭa megħjunin mill aħŭa,*
*bħal belb mdaŭŭra bli sŭar;*
*u il ftehim ta bejniethom, daks*
*bieb tal ħadid.*(*Prov XVIII*, *19*).

Fi żmien is-Slaten ta Malta, chif għâdna chemm rajna fl'EŬŬEL TAKSIMA ta dan il Ctieb, mbneŭ bosta Istituti li bakagħ jagħmel minnhom il Gvern; x'uħud, iżda, bakgħu f'idejn l'Iskof, u oħrajn tŭakkfu ucoll mindu daŭn il Gżejjer saru ħaġa ŭaħda mal Ingliterra, u gejjin dejjem il kuddiem għal ħniena t'Alla u tal erŭieħ it-tajjba. Għaliex dic l'imħabba li tâf tissabbar, li collha ħleŭŭa, li ma tgħejrx, li ma tgħaŭŭilx, li ma tintefaħx, li ma tixtiekx togħla, li ma tfittix lilha nfisha, chif għallimhielna San Paŭl Missierna, bakgħet tixgħel fil kalb tal Maltin mindu b'xortina dan l'Appostlu ra il għarka fuk il Mistra. U din il għakda ta bejnietna sŭietilna ŭisk actar mill akŭa sŭar biex is-Saracini u il Għarab u ġnus oħra ta killa cbira ma kirdulniex minn ruħna dac it-Tŭemmin nisrani li fih tŭielidna mill ġdîd, is-sèna 58 ŭara il migja ta Cristu f'id-dinja.

***

1. TA SAŬRA (*Ir-Rabat*). Ŭieħed minn daŭc il Maltin li jibka jissemma għal kalbu, chien it-Tabib Nicol Saŭra, dac li ŭakkaf f'ir-Rabat tal Mdina li Sptâr li taŭħ ismu, għal morda il fokra li għalihom ma hemmx fejkien. Fl'Attijiet ta'n-Nutar Marju Saliba

ta's-17 ta Settembru 1654, dan it-Tabib N. Saŭra ħalla il gîd tiegħu collu lil dan li Sptâr; u il gîd ta bintu Isabella, mart Indrì Castelletti, ħlief jecc icollha uliedha. Chemm fokra ibiercu il ħniena tiegħu u ta bintu: u jibkgħu iraħħmulhom, lilhom u lil daŭc il ħafna oħra li mill gîd li Alla tahom, kassmu lil fkâr!

Fost daŭc li riedu b'ŭerrjet tagħhom li Sptâr ta Saŭra, nsemmu lil Dun Giużepp Marcu Azzoppardi, Cappillan ta Ħaż-Żebbuġ, li ħalla ir-renti tiegħu għal Kassisin il morda l'icunu iridu jinġabru hemm, bħalma ŭieħed jista jarah fl'Attijiet ta'n-Nutar Nazju Saver Bonavita tal 5 ta April 1762 u f'daŭc tal Curja tal Iskof ta's-27 ta Marzu 1765.

Chif tidħol li Sptâr ta Saŭra, fil camra mal lemin taraŭ il ittratt ta't-Tabib Nicol Saŭra u ta bintu, dac ta Dun Marc Azzoppardi u ta x'uħud oħrajn li bħalhom ħalleŭ ftit jeŭ ŭisk il gîd tagħhom lil Ta Saŭra. Nsemmu haŭn daŭc li nafu bihom: is-sèna 1762, Carlu Gaj mill Beld; fl'1786, Dun Lunziat Tonna; fl'1787, il Marchiża M. A. Dingli Mompalao, Rożi Callus mart Michiel Ducos, u Frangiscu Riggardopoli; fl'1791, l'abbati Pietru Balżan; fl'1794, it-Tabib Lippu Zammit; sèna ŭara, il Cavalier Doru Ellul Cardona; tarġa, sèna ŭara, Dun Salv Vella, u ħuh l'abbati Paŭlu; fl'1797, Frangiscu Glisson; is-sèna 1812, il Canoncu Dun Giampatist Tonna, u oħtu Marianna Cassar Desain; sentejn ŭarajhom, Regina Rancati. Hemm daŭn l'oħrajn ucoll, bla ma nafu is-sèna: Dun Carl Defranchis, Custanz Debono u martu, Pietru Giordano, Marì Lombardo, Dun Michiel Felice, Pulcherja Bonici, Censu Tanti Fenech, Conti Serafinu Ciantar, Bartilmeŭ Sillato, Saver Alessi, Dun

Ŭistin Zara, Dun Paŭl Azzopardi, Dumincu Farrugia, il Baruni u il Barunissa Gatt, u il Baruni u il Barunissa D'Amico, Monsinjur Labini, Giŭżè Schembri, Duminca Borg, Dun Baldassri Silvestri, Blasju Mizzi, Dun Vicens Tanti, Giacchinu Laŭron, Salvu Salvaloco, u Dun Salv Schembri.

Dan l: Sptâr Ta Saŭra (chif rajtu jien dan l'aħħar, għaliex minn żmien ilhaŭn cabbruh ġmielu billi faddlu m'ir-renti tiegħu bla ma naksulhom xejn lil imsejcnin l'isibu fih ħajt tal chenn) jinsâb mkassam f'sitt sŭali il cobor tagħhom, camra għa'x-xogħlijiet ta'n-nìsa, xi cmamar oħra għal mîn jixtiek jokgħod għalih, sala tal ichel, żeŭġ sŭali oħra għal morda, ŭaħda għa'r-rgiel u ŭaħda għa'n-nìsa, curitur ŭasa ma tûl li Sptâr mżejjen bil ksari, u chcina sabieħa; u mbagħd, fejn jokogħdu għalihom il ħames Sorijiet tal Carità li jindocraŭ fuk collox, billi li Sptâr mħolli fi ħsiebhom; u hemm fejn jokgħod il Cappillan. Il ġnien ma dŭar li Sptâr, igħaxxkec bil fŭiħa tal ŭard, u fi żmienu b'dic ta'ż-żahar tal arinġ. Il fokra li tchellimt magħhom u il morda fosthom li f'is-sodod, u in-nìsa li raŭ żmienijiet aħjar u issa jinsabu f'sala għalihom u iħallsu sehemhom, jiżżuħajr l'Alla u ifaħħru il Conti Caruana Gatto, purcratur ta «Saŭra.»

2. CONSERVATORJU TAL ISKOF (*Għaŭdex*). Dan mbèna fi żmien Monsinjur V. Labini, Cavalier ta San Giŭann u Iskof ta Malta u l'*Eŭŭel* Arciskof ta Rodos, is-sèna 1789, għal bniet ltiema, biex fih huma jitrabbeŭ iħobbu l'Alla u ix-xogħol.

Minn mindu Għaŭdex għandu Iskof għalih, din id-Dâr tal-Ltiema cabbruha darbtejn daks li chienet; u

minn tnejn u tlietin sèna l'haŭn (fl'1880), ŭakt li chien Iskof ta Għaŭdex Monsinjur P. Pace (il-lum ta Malta), u b'it-tħabric tiegħu, żdied fiha culleġġ, fejn is-Sorijiet tal carità ta San Vicens bi ħlasijiet żgħar, igħallmu ħafna xogħlijiet lil bniet li jibagħtuh om għandhom.

3. SPTAR TA SAN GIŬŻEPP (*Ħaż-Żebbuġ*)

Nhar San Giŭżepp, is-19 ta Marzu tal 1788, fil Beld ta Rohan *li Speciosa* (is-sabieħa), nfetaħ Sptâr għal fokra, rgiel u nìsa, li mħabba fi xiŭħithom jeŭ għax micdudin bil mard, ma jistgħu b'ix-xogħol jakelgħu għal ħajja.

Il ctieb li minnu ħadna li sejjrin ngħidu fuk dan li Sptàr,* jibda biex igìb id-digriet tal Iskof Labini: «*Hosptem sub Titulo Sancti Joseph in Speciosa Civitate Rohan Aucte Nra Ordinaria erigimus, reservantes facultatem condendi Statuta, et Ordinationes oppnas. Dat in decursu Stae Visitationis Terra Siggeui die VII Novembris 1787—F. V. Epus Melitae*» mictub ŭara is-supplica li għamluiu Dun Giŭżepp M. Pullicino u Censu Farrugia aromatario (*spiżżjar*), biex icunu jistgħu jaħsbu jixtru id-djar bil ġnien, li mbagħd xtraŭ Nhar il Milied ta dic is-sèna minn għand Dun Giampatist Carŭana fl'Attijiet ta'n-Nutar Giŭżè Ġustu Brignone, b'cens ta 25 scût, li actar il kuddiem, l'24 ta April 1794, nfdeŭ b'elf scût darba, fl'Attijiet tiegħu ucoll.

Is-sabieħa, imma, ta Patist Debono, bin Masu mill beld Rohan, illi fl'Attijiet ta'n Nutar A. V. Brignone tal 4 ta Marzu 1778, f'ŭakt meŭtu, ta' lil cnisja ta'r-raħal 6000 scût, b'fehma li minnhom jitħallsu l'eŭŭelnett

---

* Registro di tte le Fondazioni, Censi perpetui, e Memoriali del Ven: Spedale della Città Rohan.

daŭc collha li hu għafashom b'xi imgħaxijiet żejjda jeŭ b'xi kliegħ minn fukhom bosta actar milli xierak,biex hecc iserraħ ruħu minn dan il egħmil il ħażin tiegħu ta meta chien biccjer (*le restituzioni alle persone in qualunque modo dal medesimo donante interessate nei negozii colle medesime contrattati per causa di illeciti ed usurarji contratti, che dubita com'altre volte publico macellaro aver fatto con guadagno considerevole*). Ŭara li jitħallsu daŭn in-nies li għidna, chellhom jitŭarrbu 500 scût, u bl'imgħâx tagħhom jaħsbu, fost ħŭejjeġ oħra, għa't-tfâl ta'd-dutrina li jiltakgħu flimchien għal xalata żmien il Carnival; u il bkija ta's-6000 scût, jingħataŭ ucoll bl'imgħâx, u daŭn jitkassmu lil fokra il morda ta din il Beld Rohan; iżda, *chemm il darba jinfetaħ xi Sptâr*, l'imgħâx imur collu għal li Sptâr.U li Sptâr nfetaħ daks għaxar snîn ŭara meŭtu. Fuk hecc li nxtraŭ li djar bil ġnien li semmejna; u it-13 ta April 1791, fl'Attijiet ta'n-Nutar G. G. Brignone, reġgħu nxtraŭ djar oħra, biex dan li Sptâr ta San Giŭżepp icun jista jicber.

Patist Debono miet it-22 ta Aŭŭissu 1778; iżda, billi laħak għâx sitt xhur ŭara li ta' daŭc is-6000 scût chif għidna, ħabrec hu ucoll biex jitħallsu in-nies collha li xtâk iroddilhom li messhom; u lil uliedu riedhom iżîdu minn tgħhom jecc chemm il darba b'tiegħu ma ilaħħakx biex isir il ħakk, ħalli dac li jibkagħlhom icun mbierec. Chien chif chien (għaliex, chif tista issîb rcâbtu, għâd li is-Sultan ħareġ bandu biex isiru it-tnidijiet, għal mîn deherlu chellu jieħu minn għand Patist Debono?), m'is-6000 scût, ŭara li tħallas mîn tħallas, fàdlu 3425 scût; u bid-digriet ta't-3 ta Marzu



Il Marchis Cav. Giuseppi Scicluna.




IL MARCHIZA SCICLUNA.

1788, għaddeūhom li Sptâr, ma xi legati oħrajn, bħalma nsibuhom mniżżlin fl'Attijiet ta G. Ġustu Brignone ta's-16 ta dac ix-xahar: 9 rbgħajja renta ta Giammarì Attard; 1000 scût ta Dun Ġiūżepp Mamo; ġnejna u mitt scût ta Dun Anton Saliba; 700 scût ta Giūżè Piscopo; il għalka ta Dineri, u il Bûr tal Ħosri u ta Zorchi li geū imħollijin m'is-Soru Catarina Gatt; u tliet carnijiet renta tal cnisja ta Ūied Kirda. Fl'Attijiet ta Ant. V. Brignone, ta's-7 ta Mejju 1777, Dun Grezzju Sciberras, ħalla 500 scût biex l'imgħâx tagħhom imur għal li Sptâr li chellu jimbèna, ūara li jitħallsu tliet rbgħajja lil kassis għal Kuddiesa Nhar il Għid il Cbir, fil ħdax u nofs, u żeūġ ġlecchijiet ta's-sûf għall appostli ta Nhar ta Ħamis tal Gimgħa il Cbira (*e di fare due gilecchi di lana per li Aposotli del Giovedì Santo*).

Fl'Attijiet ta'n-Nutar G. G. Brignone, jidhru ucoll 350 scût mogħtijin lil dan li Sptâr minn Dun Ghejt Fournier (4 ta Ġunju 1792); u 17 il scût f'is-sèna mictubin għalih ucoll minn Ġūanni Azzopardi.

Fi żmien il mard, Dun Lippu Calleja, żebbugi, ma nsiex li Sptâr ta San Giūżepp, u ħalla bil mictub fuk tâvla u għamel mu'idejh li jintefku 400 scût f'is-sèna għa't-tfâl ta'r-raħal tiegħu l'icunu miġburin f'dan li Sptâr jeū fil Conservatorju tal Birgu; u dan it-testment, Dun Lippu Pullicino u oħrajn jiġu minnu, riedu li jibka merfugħ fl'Attijiet ta xi Nutar. Fuk hecc, kuddiem l'Imħallef tal Korti tal Mdina u kuddiem żeūġ periti, is-26 to April 1814, nchiteb mill ġdîd, chelma b'chelma fl'Attijiet ta'n-Nutar Giūżè Carūana.

M'it-12 il sodda li ūiegħduh m'it-Teżor lil dan li Sptâr b'id-digriet ta'd-29 ta Dicembru 1787, colma

laħku taŭhom, huma: sitt tŭavel bli strippi tagħhom, tnax il mitraħ ta's-sûf u l'imħaded, erba' u għoxrin liżar ta'x-xokka u erba' cvieret ta's-sûf.

L'aħħar li nafu, bl'1200 scût illi Giŭże Spiteri għadda lil Dun Giŭsepp Zammit, purcratur ta li Sptâr, b'cheque fuk l'Anglo-Maltese Bank, fl'Attijiet ta'n-Nutar G. Ciappara ta't-18 ta Novembru 1882 bil fehma li bihom jingħadu żeŭġ kuddisjiet f'is-sèna u jl bkija imur għal li Sptâr.

Nhar San Filep, cont mort ma's-Sinjura tiegħi nara dan li Sptâr, li ftit jafu bih, għaliex b'iż-żmien chien għoddu ŭaka' f'ix-xejn; u rajna xi erbat ixjuħ u tifla jeŭ tnejn ltiema; u dorna li Sptâr, li il-lum purcratur tiegħu Dun Luka Attard, u nsibu li jieħdu ħsiebhom it-tmint ixjuħ (erba' rgiel u erba' nìsa) u il ħames ıltiema li laħku daħlu sa issa, is-Sorijiet it-Terziarji il Frangiscani ta Għaŭdex,* u lil ltiema igħallmuhom il biżżilli u xogħlijiet oħra li għâd il kuddiem jisŭelhom.

4. SPTAR TA SANT-ANNA (*l'Isla*). L'eŭŭel gimgħa ta'x-xahar ta Lulju, is-sèna, sibt ruħi l'Isla, għax

* Daŭn is-Sorijiet it-Terziarji il Frangiscani chienu, għall eŭŭel tagħhom, congregazioni taħt it-trigija ta Dun Giŭżepp Diacono, u żmien bi żmien ngħakkdu flimchien b'digriet ta Monsinjur P. Pace, dac iż-żmien Iskof ta Għaŭdex, is-sèna 1883, nhar it-13 ta Ottubru; u taŭhom ir-Reguli ta S. Frangisc ta Assisi, is-6 ta Marzu 1886, u fil 10 ta Marzu ta din is-sèna geddeŭhom. Il-lum jinsabu f'chemm l'Istitut haŭn Malta; u f'Mejju tal 1907, Monsinjur P. Pace Iskof ta Malta, bagħathom f'Corfù fil missioni tal Maltin ta hemm, fejn igħallmu id-dutrina u iduru mal morda fi diarhom. Haŭn Malta, l'actar li nafuhom bħala Sorijiet ta Fra Diegu, billi hu daħħalhom fl'Istitut tiegħu ta Vallambrosa, il Ħamrun.

rieduni ngħid xiħaġa l'iż-żagħżagħ ta'd-Domus ta hemm. Li għidtilhom, nisthajjilcom krajtŭh fil bìdu ta'n-Nru. 120 ta daŭn il «Cotba tal Mogħdija taz-Zmien». La darba cont l'Isla, ridt chiecu immur nara b'għainejja dan l'Ospizju jeŭ Sptâr ta Sant-Anna li chien ŭebbilni bih Sir Richard Micallef.

Dħalt hemm ma Dun Giŭżepp Darmanin. Ŭakt li is-Sorijiet *ta Fra Diegu* chienu idaŭŭruna, kgħadt naħseb chemm għamlu seŭŭa Nicol Dingli u martu Madlien, ħalleŭ il gîd tagħhom u dic id-dâr fejn għammru huma f'xatt il baħar, għal sitt nìsa biex fiha isibu sakaf u għàta u li jinħtiegilhom għa'r-ruħ u għal gisem.

Għaddejna minn triek dejjka, illi bħal issa nsejt x'isimha, u sibna ruħna f'dakxejn ta cnisja sabieħa li minnha mbagħd dħalna f'id-dâr, bil ħitan mżejjna bl'ittratti ta'ż-żejt ta Nicol u Madliena Dingli, ta binthom u iż-żeŭġ uliedha, u ta nieshom oħra; collox nadif u miżmum tajjeb. Id-dâr għandha bieb fuk il môl.

Nicol Dingli bin Giŭżè, m'is-Siggieui, u martu Madlien bin Giŭżè Cornelio, mill Isla, fl'Attijiet ta'n-Nutar Dr. T. V. Bonnici ta't-3 ta Marzu 1794, billi binthom Diana u iż-żeŭġ uliedha chienu mietu, taŭ lil xulxin il gîd li chellhom (ŭara li kalgħu is-sensja minn għand is-Sultan li kabel xejn bagħathom għand l'Imħallef *), bi ftehima li fuk il meŭt ta't-tnejn, colma chellhom imur f'idejn il Confraternita tal Curcifiss; u din, mbagħd, minn sentejn għal sentejn, tagħżel tnejn fosthom li jagħmlu tajjeb għaliha lil Iskof li collox

* Fil Memorial: *Magister Hospitalis Hyerusalem = Judex referat: Datum in Palatio die Septimo Januarii 1794 – D. C. Xerri Auditor Di V. A. S. dalla Gran Corte dalla Valletta 28 Febbraio 1794— Dr. Salvatore Zammit Giudice Civile della Città*

*Magister Hospitalis Hyerusalem = Fiat iuxta relata. Datum in Palatio die Primo Martii 1794. D. C. Xerri Auditor.*

isir għal fehma tagħhom. Il egħmara, u il ħüejjeġ, id-deheb u il ħded u colma jinsâb mill għadba il geüüa, barra milli icun jisüa għal li Sptâr, chellu jimbiegħ; u düar sèna, billi igibu, jinxtara ràba jeü djar: u daün u id-djar l'oħra tagħhom, l'esecuturi chellhom jitilkuhom lil Confraternita, chif semmejna; u din taħse'ı ucoll tibni il cnisja, li għaliha Nicol Dingli u martu Madlien, ħalleü żeüġt idjar għal kuddiesa ta coljum. Kraħât Nicol u Madlien, icollhom dejjem il jedd jidħlu kabel ħaddieħor f'dan li Sptâr ta Sant'Anna; jeü nchella, Maltin oħra mill Isla jeü m'is-Siggieüi u m'hux actar minn sitta. Illum jinsabu tmienja: aħjar iżjed, milli chiecu ankas!

5. CUNVENT TAL BON PASTUR(*Hall Balzan*)

Is-sèna 1851, għaddeü minn Malta, gejjin minn Tripli, xi Sorijiet tal Bon Pastur: lakgħuhom f'darhom is-Sorijiet ta San Giüżepp li dac iż-żmien chellhom dâr il Beld. Meta telku lejn Franza, ħâdu ħames xebbjiet maltin li tħajjru jidħlu magħhom, u bakgħu sejjrin fil beld ta Angers, fil Cunvent tal Bon Pastur ta hemm, fejn tinsâb il Generala ta daün is-Sorijiet.*

Kasir żmien üara, il Generala sejjħet lil üaħda minn novizzi il Maltin, minn Ħall Għargħur, üasslitha

---

* M'hux Cunvent sabiħ bi ftit! Is-sèna 1904, Monsinjur Dun Anton Vella u jien u il familja tiegħi, li morna Lourdes, bkajna mbagħd tilgħin sa Angers, billi Dun Anton Vella chellu hemm l'oħtu Soru; smajna kuddiesa cantata li kaddes hu fil cnisja cbira tagħhom, u üara collox, dorna l'oksma li għandhom daüc is-Sorijiet, u iddaüüarna hemm fuk siegħa sħiħa, daks chemm hemm cobor: sa xmara żgħira tgħaddi minn geüüa ir-ràba tagħhom: siġar u ħaxix, chemm trid.



Henry Lyman Clapp



Emilia Zammit Clapp



Mary Zammit



Li "Sptâr Zammit-Clapp" (San Giljan)

THIS HOSPITAL

WAS ERECTED IN MEMORY OF

HENRY LYMAN CLAPP

BY HIS WIDOW EMILIA

AND HER SISTER MARY ZAMMIT

AND OFFERED BY THEM AS AN ACT OF HOMAGE

TO

HIS HOLINESS POPE PIUS X

ON THE OCCASION OF THE GOLDEN JUBILEE

OF HIS PRIESTHOOD

IT WAS DECLARED OPEN ON JUNE 3RD 1910

THE BIRTHDAY OF HIS MAJESTY

KING GEORGE V

BY

HIS EXCELLENCY

GENERAL SIR HENRY M. LESLIE RUNDLE

GOVERNOR OF MALTA.

il cnisja magħha, talbu flimchien; u x'ħin ħarġu, staksietha x'jidhrilha jecc tibagħtha Smirni, billi Sorijiet x'tibgħat hemm ma chellhiex biżżejjed. Hassitha tkila biex titlak għal hemm; iżda, ma rieditx ticsrilha chelma lil Generala tagħha.

Ŭara ħames snîn li chienu Smirni, u sejjrin ŭisk il kuddiem, għaliex l'aħjar nies chienu jibagħtu l'uliedhom jitgħallmu għandhom, u laħku xtraŭ ir-ràba biex jibnu Cunvent għalihom, ħtigilhom jitilku. Araŭ għaliex: daŭn is-Sorijiet maħlukin, l'eŭŭelnett u fuk collox, biex jiġbru magħhom u jieħdu ħsieb ruħ daŭc in-nìsa li laħku ŭakgħu f'it-tiġrib u iridu ibiddlu din ħajjithom. Hemm fil beld ta Smirni, chellhom ulied il għonja u ltiema jeŭ bin il fakar, li daŭn, xogħol barrani għalihom. Issa, Smirni, ta coll darba li daħħlu màra jeŭ xebba illi, jaħasra ! kabdet it-triek il ħażina, chien jinkala' il għaŭġ u tŭegħir minn coll xorta; u għâd l'iżommu jiebes chemm iżommu, fl'aħħar ma isibux tarf l'egħdeŭŭa ta'r-ruħ u jinħtigilhom joħorġuha! Fuk hecc, għâd li fuk kalbhom, is-Sorijiet raŭ b'id-dieher li m'hux kagħdhom.

Is-Soru il Maltija li laħket għamlet il professioni tagħha, u in-nies chienet iġgibha ħafna u il chelma tagħha misħuha ħafna, x'ħin fehmitha li Smirni ma setgħux jibkgħu iżjed (għalfejn jagħżku fl'ilma ?), daks chemm talbet u ħabirchet, seħħet xeŭkitha illi is-Sorijiet jiġu jiftħu dâr minn tagħhom Malta.

Is-sèna 1857, ŭaslu haŭn chemm il Soru tal Bon Pastur; il Conslu franciż lakagħhom f 'daru, u hu mâr jokgħod tas-Sliema sachemm huma ħadu b'chèra id-dâr il cbira tal Marchiż Testaferata Bonici Axiak, dic li bejn Hall Lia u Hall Balzan.

L'eŭŭel Direttur tagħhom, Fra Giŭżepp ta Patagonja, Patri ta Gieżu, ħaseb issa jibnilhom Cunvent, biex jisfa ta gîd għal Maltin. Ha cens nofs modd ràba minn għand il cnisja ta Hall Balzan, seffak ŭiċĉu jittallab, sâb mîn igħinu, u sentejn ŭara (1859), il Cunvent mbèna f'it-triek l'Iddmejdi. U fih marru·igħammru is-Sorijiet, ix-xebbjiet il-ltiema, u ftit oħrajn li iħallsu; u miġburin għalihom, daŭc in-nisa li telku id-dinja biex jistchennu taħt sakaf mbierec.

F'kasir żmien, chellhom icabbru u bdeŭ biex żiedu mal Cunvent, id-dâr ta magenbhom, li żammeŭha għal Maddaleni;il-lum jistgħu jingàbru fiha fuk is-sittin ŭaħda.

Fl'1884 laħak Cappillan ta's-Sorijiet, Dun Giampatist Spadaro, li minn erba' snîn kabel chien igħin għal krâr lil Dun Erric Sayan.

X'ħin l'Iskof ġagħlu jidħol għal dan ix-xogħol, Dun Giampatist l'eŭŭel ma għamel ħaseb biex jixtrilhom ir-raba' ta ma dŭar il Cunvent; u ħabrec minn haŭn u ittallab minn hinn, il-lum għandhom dŭar moddejn egħlieki x'jaħdmu u jiżirgħu: u ŭakt illi ix-xogħol hu issalmura tal gisem, bil ħidma ta'x-xebbjiet li magħhom u is-Sorijiet ituhom dakka t'îd seŭŭa, it-tnejn u tlietin tomna raba' li għandhom, irodduhom mitt gîd.

Rajna mbagħd tielgħa, is-sèna 1887, dic il ġmiel ta cnisja, ta sengħa cbira għa't-taksim li fiha; u chemm il darba ltkajna mal perit Censu Busuttil, li dejjem b'seba' għainejn fuk ix-xogħol daks chemm ħadem bil kalb għaliha, bla ma katt ried xejn ta idejh. Nfetħet ħames snîn ŭara, fi Frâr 1902.

Issa din il cnisja x'chellhom iriduha? għalfejn bneūha? Morru araū: issibu li fejn dari il côr u il cappella, issa b'is-sodod għal ltiema; u hecc, f'dan il Cunvent, f'loc ħamsin tifla, jinsabu erba' u tmenin; u bejnhom u bejn l'oħrajn collha, jiltakgħu hemm dūar il *mitejn u ħamsa u għoxrin ruħ*. Jigifieri 225 l'iridu jieclu ta coljum! B'ħames mitt lira f'is-sèna, bilchemm iūasslu għal ħobż biss, għaliex jinħtigilhom fuk l'erbgħin lira f'ix-xahar ħobż. U xi ngħidu mbagħd għalli jinħtieġ biex tlibbes daūn in-nies collha?.. U il bìni, ma iridx tiegħu? U in-nies tgħix bil ħobż u xejn actar? M'hux collox irid icun? Ta sseū illi huma igħinu ruħhom mill aħjar li jistgħu; jaħdmu daūc ix-xogħlijiet ta raccmu u bizzilli isaħħruc, jaħdmu għal cnejjes, u xogħlijiet tal ħjata tal ħarir, għażel, sûf u tajjâr, u nsîġ; u f'ħajjiêt Alla, in-nies it-tajjba tgħin m'iż-żejjed li Alla tahom biex huma ikassmu minnu lil fkajjrin. Chif katt inclelè jistgħu igħixu u imorru il kuddiem daūn l'Istituti tal Carità li ma chienitx ii ħniena t'Alla u ta mìn jifhimha seūūa illi din li tgħin lil għajrec hua dmîr mill akūa tagħna l'insara?

6. TA FRA DIEGU (*il Ħamrun*). Ilcoll chemm aħna, Alla l'imbierec jinkèda bina bħala għodod f'i-dejh għal fehmijiet li mkaddsa tiegħu. Il għâni u il fkîr, l'għaref u jeū in-niekes mill għerf ta'd-dinja, xorta ūaħda Alla l'imbierec jinkèda bihom għalli irid minn-hom għal ħniena tiegħu!

Nistħajjel li bosta minncom jiftacruh lil Fra Diegu, dac l'Ajc ta Gieżu, idur bil ħorġa ma't-torok ta'r-rħula u tal Beld.

B'dic iċ-ċokka, l'Ajc tant tŭajjeb,
Cont taraħ, b'dic iċ-ċurniena,
Idur dejjem u jittallab
B'dac il ŭiċċ l'ikankal ħniena.
Chien jittallab m'hux għalih;
Li chien jakla, biex jatih.*

Chien îlu is-snîn, mill 1876, jiggiera minn triek għal oħra f'ir-rħula u ibljied dan l'Ajc li «actarx dejjem bil calotta mniżżla f'rasu u b'ċurniena jeŭ ħorġ abjad mchebbeb ma îdu; actarx samrani, tŭajjeb għall aħħar, xeħta ta kaddis; dejjem rasu mgħaddsa, donnu husbien,» chif ikaxxru Dun Xandru Cortis fil ctieb li semmejna haŭn isfel.

Imma, jien ucoll nista nixhdilcom li Fra Diegu chien kaddis: xejn ma chien jigini l'uffizzju, mkâr biex jixrob tazz'ilma, jeŭ biex ngħidlu li krajt fil ħajja tal Beatu Cottolengo, kassis li fil beld ta Torin (fl'Italja) ŭakkaf. Dâr fejn hemm jinsabu miġburin fuk is-6000 ruħ, *bla ebda ħabba ta renta!* L'actar, mbagħd, la għidtlu li dħalt fih dan l'Istitut tal Cottolengo! Fra Diegu .. xtakt haŭn nista ngħidilcom xi ħŭejjeġ fuku, li fihom tasseŭ x'tistagħġbu ! Minn għalija, tliet darbjiet kgħadt fuk cliemu meta staksejtu x'chelli nagħmel, u it-tliet darbjiet ħargitli tajjba, seŭ chif kalli hu.

Chien jiggiera ma't-torok: iva, actar moħħu, iżda, filli jiġbor xi ruħ mxerrda, milli chiecu biex jittallab xi

---

* Mill poeżija ta Censu Busuttil, «GHAL MEUT TA FRA DIEGU.» Issibuha sħiħa fil ctieb ta Dun Xand Cortis «*Fra Diegu u l'Istitut tiegħu,*» ctieb sabiħ li nixtiekucom tfittxu tixtruh minn għand Monsinjur Dun Giŭżepp Depiro, il-lum id-Direttur ta dan l'Istitut.

Chitba minn idejn Fra Diegu

Io figlio di San Francesco
scelto da Dio come Padre delle
orfanelli vi auguro buona riuscita
del istituto dei padri Salesiani
in Sliema Padri dei fanciulli
abbandonati.

Convento di San Francesco
Valletta 13 Agosto 1898
Fra Diego M.O.

għajnuna oħra ta flûs. Nafu li nhar il 25 ta Aŭŭissu 1876, ġàbar l'eŭŭel xebba mal Maddaleni tal Cunvent tal Bon Pastur; u chemm oħrajn hu ġàbar ŭara din! Nsibu li sal 19 ta Aŭŭissu 1901, chien daħħal fil Cunvent tal Bon Pastur, *erba' u sebgħin* ħarufa maħrubin mill merħla ta Geżù! X'uħud minnhom, għâdhom hemm, mimlijin bil għomor, ifaħħru l'Alla u lil Fra Diegu li ħelishom minn dac li għalihom ġnien tal ŭard u il hena ta's-sħarijiet; u x'ħin daħlu m'ix-xatba il ġeŭŭa, ntebħu li chien xeŭc bla ŭard!

Imma, barra minn daŭn il ħrief l'imxerrdin, Fra Diegu, minn Nhar il Vitorja tal 1877 sa Mejju 1885, chien daħħal fil Bon Pastur għoxrin tifla ltima, minn kabel ma laħku iġġarrbu; ġàbar oħrajn fil Conservatorju ta Adelaide Cini; u tħâbat m'hux ftit biex chiecu jitilkulu f'idejh sehem ta dan l'Istitut; iżda, Alla chellu fehma oħra għall aħjar; u din ix-xeŭka tiegħu, Fra Diegu bakagħ ma temmhiex.

Fra Diegu, bin Toni u Marianna Bonanno, tŭieled il Beld nhar il 21 ta Marzu 1831. La chibèr, missieru kabbdu ma ħajjât biex jitgħallem is-sengħa; kabadha ġmielu u chien jista jaklagħha tajjeb. Jicteb u jakra, chien jiddobba ħażin ħażin (*fil facc: l'oħra issibu chif chien jicteb Fra Diegu*). Guljermu, għaliex hecc chien jismu, ngibed lejn il Patrijiet ta Gieżu, u daħal magħhom bħala A;c: u in-nies li chienu jafuh ta ħajjât, bakgħu dejjem isejjħulu Fra Guljermu. Miet ta ŭieħed u sebgħin sèna, l'14 ta Mejju 1902, li minnhom għadda mal erba' u tlietin fil Cunvent. Xejn, jabbni! ma bchietu in-nies li ħarġet bi ħġarha minn djarhom mill blied u irħula, ltakgħu il Beld; eluf marru minn raħal għall ieħor

iŭassluh ir-Rabat! Refgħuh il kassisin sa ħarġu bih mill Beld, il ħŭienet collha u il banchijiet magħlukä, il bnadar nofs asta, sa tal Palazz; il gażżetti chienu mberflin b'isŭed. Marru ŭassluh sa Putirjal, Kassisin, Patrijiet, Sorijiet, Mħallfin u Tobba, Avucati u Nutari, Spiżżjari, Studenti u Professuri; l'Iskof u il Gvernatur bagħtu mîn jidher għalihom; u seŭseŭŭ magħhom, ridtu taraŭ l'Imħallef Pullicin u il Marchiż Giŭżeppi Scicluna; u urajhom, is-62 tifla tal Istitut tiegħu, jitolbu u jixhru. Tŭieki u gallarijiet, collha mimlijin b'in-nies, ħemda collimchien; u colħadd għainejh b'id-dmugħ! Fejn katt sâr funeral haŭn Malta, bħalma sâr daks erbat ijiem ŭara meŭtu, lil dan id-dakxejn ta Ajc? Imma, dan l'Ajc, chien Fra Diegu! . . . . Miet fl'Istitut, għaliex hemm ħassu ħażin, u it-tobba ma rieduhx jitħarrec. Ħaduh fil cnisja ta Gieżu, il Beld, u hemm żammeŭh dŭar erbat ijiem, billi colħadd ried imur jarah mejjet: fokra u għonja! Daŭc li f'għomru ħabbeŭh; u daŭc l'oħrajn li għaliex chellhom f'moħħom xi fehma ħażina, chienu igħaddulec iż-żmien bih; ilcoll bcheŭh il Fra Diegu!

Għidna b'it-tħabric u it-taħbit ta Fra Diegu biex icollu genb tal Conservatorju Adelaide Cini għal ltiema li jiġbor hu; sfagħlu f'ix-xejn: iżda, collox għall aħjar!

Fra Diegu chellu oħtu armla, Giannina Marmarà, li mietet ta ħamsin sèna, is-26 ta Frâr 1892, għaxar snîn kàblu, f'dac l'Istitut ta San Frangisc, Vallombrosa (il Ħamrun), li bakagħ colħadd isejjaħlu *Ta Fra Diegu*. Għoxrin sèna sħâħ egħnitu lil huha, tieħodlu ħsieb it-tfailjiet li chien jieħlishom mill kerk u jiġborhom għal chenn f'id-dâr li crielhom Ħall Balzan: u hemm jien rajtha l'eŭŭel darba, meta missieri (cont

għâdni tifel), ħâdni nara dac id-dakxejn ta Istitut, daks chemm Fra Diegu ħajjru imur jagħmillu żiara hemm!

Fra Diegu chien idur ma San Giljan għa'c-circa, u merħba bih billi San Frangisc jibgħat. In-nies, tarah dħuli, minn tagħna, u bixla ta kaddis, tingibed għalih. Semmeŭlu fuk ŭaħda xebba li ħarbet minn dâr ommha, u li chienet tgħix għa'r-rasha chif jidhrilha hi. «X'ħin minn ŭara it-tieka tarac għaddejj b'iċ-ċurniena,» kalulu; «tinfex tibchi. Mîn jâf jecc tmur int taraha, tismagħx minnec? għaliex, tâf, ma trid tisma b'ħadd u minn ħadd, u marida għal meŭt!» X'irid icun? .. Fra Diegu kagħad ħusbien ħin ŭieħed; u mâr ħabbat għandha. Mîn jista jâf x'kalilha? ... Dic in-ngħajġa il mitlufa, ġranet ŭara, għamlet meŭta ta kaddisa! Chienet is-sèna 1860.

F'kasir żmien, dan l'Ajc, ħeles m'it-triek l'imgħaŭŭġa, tnejn u għoxrin xebba. Crielhom f'cherrejja Bormla, ftiehem ma tliet nìsa ta'r-ruħ jieħdu ħsiebhom u ħalli għalih iġorrilhom coljum li jinħtieġ għal ħajja. Dâr oħra crielhom Raħal Ġdîd, u mbagħd oħra Hall Balzan (*Strada Tre Chiese*); u oħtu u nìsa oħra tal għakal, chienu jieħdulu ħsiebhom; u Fra Diegu, seŭŭa ŭakt li f'daŭn li djar u seŭŭa meta icun ġabarhom fil Bon Pastur jeŭ f'«Ta A. Cini,» chien jaħsbilhom għal collox. Mîn jista' igħid chemm żeŭŭeġ minnhom, u tahom dota minn ħamsa sa tnax il lira il ŭaħda, u ħarġulu ommijiet ta dmirhom, u jafu irabbu l'uliedhom chif irid Alla!

Fra Diegu, mistrieħ ta xejn; jilħak ma colħadd; sa li Sptâr ic-Centrali chien imur jirgħa biex jagħmel il gîd, chif chienet tgħidli, Alla itieha il Genna, is-Soru Michelina, dic li taraŭ ix-xbieha tagħha fil faċċ: 16. Haġa iggîb il oħra: it-tfailjiet jiżdiedu dejjem;

Fra Diegu, għal ħniena t'Alla, issa ltaka' ma'd-dâr il cbira ta Vallombrosa; niffed oħra magħha; ftiehem ma's-Sorijiet it-Terziari il Frangiscani biex jieħdulu ħsieb is-sittin tifla li chellu hemm; u Alla bakagħ dejjem igħinu: l'Istitut ta San Frangisc ta Assisi, hecc tŭakkaf! Mîn jâf chemm il darba dan Fra Diegu, hua u sejjer b'xi tifla hemm, għamlu għalih daŭc li ħatafhielhom minn taħt idejhom, bħal meta ŭieħed mârlu urajh b'iż-żiemel ŭara il carrozzin, biex jissajjaħ.

Magenb dic id-dâr fejn dari l'Istitut ta Fra Diegu u fejn hu ħadem dakka ta għoxrin sèna u actar, għal 'mħabba t'Alla u għal gîd tal erŭieħ, u fejn cont im-mur drabi nsibu biex nitgħaxxak bih u nati xi ftit ħelu lil daŭc l'imsiechen tfailjiet tiegħu, taraŭx Dâr il cobor tagħha? Dac hu il-lum l'Istitut ta Fra Diegu! Bniehielu, il Marchiż Giŭżeppi Scicluna, Alla itih il Genna, x'ħin ra li Fra Diegu ma chellux ŭisa bi żżejjed Vallambrosa. Tiħhir u hena għal mîn jaħseb igħin il fkîr.

Fra Diegu, chif igħid fil ctieb tiegħu Dun Xand Cortis, m'ix-xbeibiet li ġàbar, laħak żeŭŭeġ u ta' id-dota lil dakka ta sittin minnhom; ħamsa sarulu Sorijiet u ħa-seb jicsbilhom daks ħamsin lira dota ta coll ŭaħda.

Dac missiercom li tant ħabbcom,
U tant bâta biex mantniecom.
Mâr għand Alla għal ħlâs minn tiegħu;
La tibżgħux, m'hux ser jinsiecom:
Għax għalicom, ja tfailjiet,
Jitlob jibka m'is-smeŭŭjiet.

U hecc hu: dan l'Istitut ta Fra Diegu, bakagħ dej-jem gejj il kuddiem. Nixtiekucom taslu ŭasla sa hemm u tixtru ix-xakak sbieħ (il-lum saru *moda*), u taraŭhom

Chif chienet ticteb il Ven. Adelaide Cini

Ricevo da Spiridione Said scudi
dieci che sono di quatro mesi
fitto maturato li 6 Ottobre 1883

Dico Sc 10..

Adelaide Cini

jinsġuhom b'in-neŭl. U meta id-Direttur tal Istitut, il Can. Monsinjur Dun Giŭżepp Depiro, xtâk l'issir ŭirja ta daŭn ix-xogħlijiet u l'oħrajn ta daŭc it-tfâl, sal Gvernatur stagħġeb bil ġmiel ta xogħol il jaħdmu. Ixtruh il ctieb ta Dun Xand, u ŭakt li tcunu tafu ħafna hŭejjeġ sbieħ fuk Fra Diegu, tcunu għintu il mija u għaxar tfailjiet ta hemm.

7. CONSERVATORJU «ADELAIDE CINI» (*il Hamrun*) Dic il ħàbta ta meta Fra Diegu tà ruħu għa'x-xogħol tiegħu tal ħniena, xebba ta tmintax il sèna, Adelaide Cini, dehrilha illi msejjħa għal Soru. Marret Santa Catarina, il Beld, u talbet li tidhol magħhom f'dac il Cunvent: «Geżù ma iridecx magħna; Hu iridec taħdem għalih billi tieħodlu ħsieb l'erŭieħ li tbiegħdu minnu u treġġagħhom għal mħabba tiegħu!» kaltilha is-Soru Giŭżeppa Baldacchino, mara kaddisa. «Mela jien nisŭa għal dan ix–xogħol?» ŭieġbitha Adelaide. «Dac Alla li kiegħed isejjaħlec għal dil ħajja, juric mnejn għandec tgħaddi u iŭittilec it-triek. Ara takta kalbec!»

Adelaide niżżlet rasha bla ma għarfet tâf xi tgħid. Dun Giŭan Tabone (*tal għagin*), il Missiunarju, għamlilha il ħìla. Ŭara ftit, ma ħassitx gibda kaŭŭija lejn ŭaħda Skallija, màra mogħtija għa'd-dnub, dlonc riedet tara x'tista tagħmel u tiġborha? Sicŭit tberren geŭŭa moħħa: «Iva, chif sejjra niltaka' magħha?» Fl'aħħar, ratha għaddejja minn triek, telket bil ħeffa il mactur fl'art, u dic il mara lemħitu u sejjħitilha biex tgħidilha terfgħu. Adelaide daret lejha, tâtha domna; u urietha li tixtiek tchellimha. L'oħra tgħidlec: «Xi trid minn għandi din ix-xebba?» Ftiehmu fejn jiltakgħu, tchellmu bejniethom, u ħadd ma jâf x'kalu; u dic li Skallija li

colħadd chien jafha, nfexxet tibchi, u kagħdet għalli dic ix-xebba riedet minnha! Minnufih telku flimchien lejn Santa Venra, fejn Adelaide Cini chienet tokgħod ma ommha u missierha, Michiel u Carmni; billi chellhom fabbrica cbira tal għagin il Ħamrun, seŭ fejn il-lum il «Conservatorju Adelaide Cini.» Din li Skallija għaddiet żmien il Cunvent tal Bon Pastur, u il-lum tinsâb superiŭra f'Cunvent minn ta Lixandra!

Daks chemm għamlet il ħîla, u l'actar il għaliex bosta iżjed ħasset ruħha mixgħula bl'imħabba t'Alla, in-nies stagħġbet taraha tiggiera il Beld u il Birgu, u Bormla u l'Isla, bla ma tibża m'is-sħanât ta's-sajf u ankas mill killa ta'x-xtieŭi; riħ, xemx, għarkana, għajjena, drabi bil ġuħ ucoll, tgħarrex u tfittex fejn tista tiġbor xi nagħġa maħruba mill merħla ta Cristu; u xi ŭaħda biss, fil bgħid chienet tŭebbes rasha ma tridx tâf biha Mîn jâf chemm il darba daħlet li Sptâr ic-Centrali tħabrec għal xi mara illi il marda tagħha ta'r-ruħ actar il geŭŭa minn tal gisem: li chienet ħajja is-Soru Michelina, chienet tcun tista tgħildilcom il bkija.

Il Cunvent tal Bon Pastur, Adelaide ma setgħetx iddaŭŭal actar minnhom daŭn ix-xebbjiet, il għaliex ma chienx bakagħ fejn; minn għaliha, chienet dejjem isseffak ŭiċċha tiġbrilhom għal ħajja. X'tagħmel? Bdiet tiġbor daŭn in-ngħaigjiet magħha! Haŭn għamlet ħsieb tŭakkaf dâr għalihom; u billi seŭ dac iz-żmien is-sur Giann Asphar minn Calcutta (fl'Indja) u martu Angelca Bonavia, maltija,semgħu b'dan ix-xogħol tagħha tal ħniena marru minn jeddhom isibuha u taŭha chemxa flûs ġmiela, fehmitha li din tagħha chienet is-sejjħa t'Alla.

Fil kasma tal ŭirt ta missierha, lil Adelaide mis-

sitha b'sehemha nofs id-dâr; u in-nofs l'ieħor, xtrâh Dun Giampatist Spadaro b'495 lira, ŭara meŭtha. Il fabbrica tal għagin ta missierha, chienet ta cobor seŭŭa, meta ngħidilcom li fiha chienu iħaddmu tlieta u għoxrin bagħal għal mtieħen li chellha u li stringturi, chif ucoll għal ġarr tal għagin, ħobż u galetti. X'ħin geŭ għal kasma, sabu li din il fabbrica chienet tisŭa £3105. għâd li dic il ħàbta chienet mħarbta ŭisk, x'uħud mill iskfa tagħha nieżlin, bjut maksumä, xi rjus ta't-travi mħerrijä. F'ħajjitha, Adelaide xtrât sehem eŭ tnejn ta dan il bìni, u b'it-testment tagħha ta't-12 ta Ottubru 1883 u l'oħrajn tal 4 u tal 5 ta Marzu tal 1884, fl'Attijiet ta'n-Nutar Michelinu L. Casolani, ħallietu biex jissoctaŭ fih il Conservatorju għal bniet, li minnha tŭakkaf.

Fi żmienha, ma chienx haŭn għalihom ulied il fokra, ħlief il Cunvent tal Bon Pastur ta Ħall Balzan u il Conservatorju ta San Giŭżepp ta Bormla. Adelaide talbet l'Alla itieha id-dehen x'tista tagħmel għalihom ix-xebbjiet il fokra biex teħlishom m'it-tiġrib minn kabel ma jakgħu fih: tgħidlec, aħjar tibża għal saħtec jeŭ nclelè timrad u trid tokgħod tiddeŭŭa! Hecc għa'r-ruħhom daŭn l'imsejcnin li ma għandhom ħadd mìn jieħu ħsiebhom jeŭ jitilkilhom jiggereŭ.

Fuk hecc, rât chif għamlet b'ix-xebbjiet il cbâr li chellha magħha: x'uħud daħħluhomlha il Bon Pastur, bihom u ta kabel, daħħlet collox krîb it-tmenin ŭaħda!) oħrajn żeŭŭiġithom jeŭ sabitilhom nies ta'r-ruħ li ġabruhom magħhom; u bdiet iddaħħal xi bniet mxerrda. It-tfâl żdiedu f'kasir żmien, u hecc tŭakkaf dan l'Istitut għalihom, illi hi semmietu «tal Kalb Mkaddsa ta Geżù», imma in-nies bakgħet issejjaħlu «Ta Cìni».

Mietet ta sitta u erbgħin sèna. Hemmecc temmet ħajjitha din ix-xebba Adelaide Cini, it-28 ta Marzu 1885; hemm nef ket li chellha tagħha! hemm tât lilha nfisha! Niftacar li rajtha, îlu ħafna, meta missieri ħâdni miegħu nara ix-xogħol ta'n-neŭl u ix-xogħlijiet l'oħra li chienu isiru f'dan l'Istitut; chienet magenb it-tieka li tâti fuk il ġnien, chif titla it-taraġ; ŭiċċha daħcani, u taħdem! Il-lum il «Conservatorju Adelaide Cini» jinsâb taħt it-trigija ta's-Sorijiet tal Carità ta San Vicens di Paŭla. Xtaktcom rajtuhom chemm huma dħulin u fuk ruħhom meta, nhar it-22 ta Aŭŭissu, geŭ għaddeŭh fil fortizza ta San Lucianu; u kabel ma reġgħu telku għal Ħamrun, għamlu żiara lil Geżù fil cnisja ta San Giorġ ta Birżebbugia!* Chienu fuk il mitt tifla, u is-Sorijiet magħhom; u Dun Giampatist Spadaro, daks chemm jaħdem għalihom, ŭittielhom it-triek billi kalegħlhom is-senja minn għand il Militar l'imorru hemm. Chemm kabżu u ixxalaŭ! Chien fihom għaxka!

Dun G. B Spadaro, îlu is-snîn il cbar iħàbrec għal dan l'Istitut(bħalma ħàdem u tħâbat għal Istituti oħrajn), u giebu ŭisk il 'kuddiem, u dejjem actar jixtiek chiecu icabbru biex joctor il gîd: xi ngħidu għall egħlieki li nxtraŭ għal biedja; għa'd-djar li nxtraŭ biex tniffdu mal Conservatorju Adelaide Cini? Ntefku l'eluf, bejn xìri u tisŭijiet, u biex tcabbar. Daks għaxar snîn îlu, is-sinjorina Mary Zammit (oħt Mrs. E. Clapp) u tnejn oħra, ftiehmu bejniethom u bneŭ fejn jistgħu jidħlu għoxrin xebba u ntef ku krîb is-650 lira. Dan l'aħħar, nkalgħu oħrajn, u saret takliba ġmiela: taraġ mudŭal, tcabbru

---

* Din IT-TIENI TAKSIMA tal Ctieb li għandcom f'idejcom, mictuba f'San Giorġ ta Birżebbugia.

xi sŭali, żdied xi bini, u il ġnien mbidel f'bitħa sabieħa ħafna fejn daŭc it-tfaljiet collha jistgħu jilagħbu u jakbżu għal kalbhom. Ntefku krîb l'erba' mitt lira oħra. Billi chienet ħallitilhom Miss Frances Baynes, ŭaħda ngliża, ħasbu biex tħallsu id-djun, u ma chellhomx ftit.* Jalla tinkala' ma 'ddumx xi ruħ tajjba oħra, u tibnîlhom cnisja, fejn icunu jistgħu il kuddiem ikiegħdu taħt l'artal, il għàdam għażiż tal Venerabbli Adelaide Cini, meta il Cnisja Mkaddsa tistgħollieha mal Beati.

Mîn jixtiek jinkèda għal xogħlijiet sbieħ ta deheb, ħarir, għażel, sûf; jeŭ xogħlijiet tal malja u tal ħjata; coll ghież ta għarajjes jeŭ tal magħmudija; ħasil, mogħdija tal amtu, seŭ bil ħdejjed seŭ bil placca f'ix-xemx; jeŭ ostji u hecc, imur il Conservatorju «Ta Cini» bħalma f'tal Bon Pastur jeŭ dac ta Fra Diegu; u ma jibdielux. Ŭakt li it-tfâl igħallmuhom daŭn ix-xogħlijiet u li scola, igħinu ruħhom ucoll. Għaliex ma għâdux actar żmien Adelaide Cini (għâd li Alla jista collox, issa u minn dejjem u għal dejjem, u jixhduh daŭc li għandhom tâma kaŭŭija bħal tagħha fil ħniena tiegħu), meta id-dkiek chiber taħt idejha; meta b'għaxar bciecen li bagħtulha

* Miss Frances Baynes mietet snîn ilu, u ħalliet fuk 2600 lira coll ŭieħed, lil tal Bon Pastur, lil Ta Cini, l'is-Sorijiet tal Fkâr, l'is-Sorijiet il *Blu*, u l'is-Società ta San Vicens di Paŭla, u ħiethom ilcoll iħallsu id-djun; is-Sorijiet tal Fkâr cabbru il bìni u setgħu idaħħlu mal għoxrin xjuħ oħra; u is-Società ta San Vicens ta tas-Sliema, dic is-sèna kassmet is-650 lira li messeŭ lilha u għânet ħafna nies li mingħajrha din l'għajnuna ta bla ħsieb, ma setgħetx tgħinhom—l'is-Società ta'd-Dami tal Beld, messhom elfejn lira illi huma kegħduhom il Banc bl'imgħâx, u dan ikassmugħ lil fokra ma tûl is-sèna. Taraŭ chif Alla dejjem jaħseb f'colħadd!

ŭara pranzu *tal Borsa*, kassmet minnhom lil sebgħin tifla; meta bagħtet cherrettun kamħ fil mitħna ta magenbha, u żeŭġ tfailjiet igħidu l'użarju, u id-dkiek, imla u ferragħ fli xchejjer, joctor dejjem; u meta darb'oħra xtrât żeŭġ xchejjer dkiek, u it-tieni ŭaħda ma hemmx li titbattal; u meta il ħobż ma laħakx ħin l'ichel, u hi b'żeŭġ ħobżjiet f'idejha, tkatta u sejjra tkassam, u collħadd chiel u xabagħ, u bakagħ iż-żejjed; meta, b'żeŭġ tigigjiet, marida f'kiegħ is-sodda, bdiet tkassam minnhom, u x'ħin temmet ŭaħda, geŭ kalulha illi nofs it-tfâl ħadu sehemhom; u b'it-tieni tigieġa, chellha biżżejjed għal nofs l'oħra, u xiħaġa fuk ir-riħ ucoll! . . . . U dan, m'hux għal ħŭejjeġ tal ichel biss: «Chif tridni nfassallec tliet lbiesi minn din ix-xokka, jecc bilchemm għandi fehma nlaħħak għal ŭaħda?» kaltilha il ħajjata. «Uri l'haŭn!» ŭieġbitha Adelaide; «u int chemm takta kalbec minn xejn, daks chemm hi cbira il ħniena t'Alla?» Kabdet tfassal hi, u minn dic ix-xokka ħarġulha it-tliet lbiesi!

Tismagħhom igħidu: «Imma, chif jagħmlu daŭn l'Istituti? Jittalbu, ma għandhom xejn, dejjem egħnelli mimlijin djun; u tarahom jibnu, igħajjxulec mal ħames mitt tifla, u daks tmienin tifel u fuk il mitejn xiħ . . . . u dan chif?» Ara chif? . . U mela dac Alla illi il ħniena tiegħu bla tarf, dac Alla li jaħseb f'it-tajr u fil ħût tal kiegħ u fil ħxejjex tal art, triduh jinsa il bniedem, l'isbaħ maħluk fuk il ħolkien collu tiegħu ta dina l'art? Chif jagħmlu? Alla l'imbierec, mîn jidhirlu hu, f'ŭaktu u f'ħinu, imisslu kalbu; ifaccru li dac li tah, silifulu biex jinkèda bih, biex jaħseb irabbi l'uliedu seŭŭa u iħallîlhom sehem chif xierak; imma, sehem milli telaklu f'idejh, għal mîn hu ankas minnu: għal ikâr tiegħu. U mbagħd,



In-Nutar Michelinu L. Casolani



Giulia Casolani

mîn jista igħid illi daũn l'egħġubijiet ma isirux il-lum ucoll? X'uħud li jistagħġbu chif daũn l'Istituti il fkâr imorru il kuddiem, Muleja aħfirli, jeũ le ma jiemmnu l'Int tista collox, jeũ iħossuha bi tkila li joħorġu xi teftifa minn bûthom u ikassmuhielhom: katt u xejn m'hu niekes, fejn hemm il ġàbra u l'imħabba t'Alla! Mal bieb tal «Conservatorju Adelaide Cini» intcom u għaddejjin b'it-trâm sejjrin jeũ gejjin minn Birchircara, taraũ dakxejn ta rħama b'daũn il chelmjiet: «*Xi ħaġa għall imsejcnin tfailjiet!*» Jecc tixtieku tgħinuhom milli tistgħu bla ma turu xejn lil ħadd, itfgħu fiha li tridu, u aħbu idejcom f'dac il bût li issa eħfef ũakt li kalbcom mimliha bil hena.

B'tifchira tagħha, fil faċċ: 61 ta dan il ctieb, issibu rcevuta milli tât lil gennjen tiegħi Spiru Said, illi chien jicri minn għandha. Dan kalli: «Li chiecu katt Dilajde kaltli chelma fuk li drabi iddaũũart ma ħallastilha il chèra! Chemm chienet màra tajjba!»

Adelaide Cini, it-23 ta Frâr 1910, il Papa Piu l'X stgħollieha mal Venerabbli.

8. IS-SORIJIET TAL FKAR (*il Ħamrun*). Billi fuk id-Dâr ta'x-Xjuħ li daũn is-Sorijiet għandhom il Ħamrun, ctibna ctieb sħiħ minn daũn, is-sèna 1902, dac li aħna semmejnih «X'Tâf Tagħmel li Mħabba» u igîb in-Nru. 21, ma ngħidu xejn haũn, ħlief nitolbucom terġgħu takraũh u tiftacru fihom. Minn dac iż-żmien, is-sodod żdiedu; il-lum ilaħħku b'collox mal mitejn u għoxrin ruħ bejn nìsa u rġiel, li sabu fi xiũħîthom daũc l'Anġli, tal Carità iduru bihom. Tcun imbierca il ħniena t'Alla! Biex daûc l'iħobbu igħinu lil fokra, dejjem actar jitũettku f'it-tâma tagħhom f'Alla, jakraũ il ctieb in-Nru. 21 li semmejna, u jaraũ chemm Alla tal ħniena.

9. ID-DAR TA SAN GIŬŻEPP (*il Hamrun*) Monsinjur A.M. Buhagiar, Iskof ta Ruspa u Amministratur Apostolcu ta Malta, chien jiħimha bħal Papa ta'l-lum Piu l'X, illi trid tibda biex tgħallem u trabbi ta insara seŭŭa l'it-tfâl jecc trid il kuddiem icolloc missierijiet u ommijiet chif tixtiekhom il Cnisja. Chif ŭasal haun, Monsinjur Buhagiar, ma satagħx jistrieħ sa ma ltaka' mal Canoncu Dun Frangisc Bonnici li daħallu għalli xtâk minnu: «Mûr, icrili dâr cbira, ilkagħ fiha chemm tfâl ltiema subien tista tasagħ, ħu ħsiebhom, rabbiehom int u għallimhom sengħa. Bħal issa, ħudhom daŭn il mitt lira; dan nista natic: itma f'Alla u Alla jiekaf miegħec.»

Is-27 ta Aŭŭissu 1888, magenb il cnisja tas-*Samra*, nfetħet id-Dâr ta San Giŭżepp b'xi għoxrin tifel. Għal bniet, chien haŭn chemm l'Istitut; iżda, barra minn «Tal Orfni,» ma chellniex ieħor għa's-subien! It-tfâl żdiedulu; fuk hecc, il Canoncu Bonnici ħtieġlu ifittex dâr acbar; u ħa b'cens dic id-Dâr ta San Giŭżepp fejn l'Istitut jinsâb il-lum. It-tfâl fi żmienu laħku is-sebgħin ŭieħed!

Mîn katt jista jobsor chemm gîd sâr f'dan l'Istitut tal Canoncu Bonnici? U x'ma għamilx hu biex dejjem igibu il kuddiem? Xejn ma tħabat! Hemmgeŭ il ħajja tiegħu, sachemm fl'aħħar marad u ħtieġlu iŭarrab li Mdina; iżda, bakagħ bi ħsiebu f'it-tfâl ta'd-Dâr ta San Giŭżepp. Chemm semmihomli meta cont mort rajtu fuk is-sŭar li fukhom jatu it-tŭieki ta'd-dâr tiegħu! U arana nfaccru il xulxin ta meta cont immur nsibu kalbhom daŭc it-tfâl, il għaxka tiegħu! Mûr għidlu li chelli għâd ngiblu ix-xbieha tiegħu f'dan il ctieb u nsemmi chemm conn'na ħbieb! Dic il ħabta, ried jictibli *xi teftifa* għal «Cotba tal Mogħdija taz-Zmien;» ma laħakx; chien ŭegħidhieli

minn kabel, żmien ma chellux! U chif sataghx katt isîb żmien, jecc barra ix-xoghol tal Istitut, chellu it-taghlim ucoll ta't-Teologija fl'Università ?

Li chellu, m'hux tieghu; li kalagh, m'hux ghalih: collox ghall daûc it-tfâl; sa hu in-nifsu, ghalihom ucoll. Jiecol, ichel ûiehed bhalhom; jahdem bla mistrieh xejn; chemm idum jiflah il bniedem?

Fl'24 sèna mindu tûakkfet id-Dâr ta San Giûżepp, harġu minnha erbamija u erba' u sittin tifel, li daûn ibiercu l'Alla li b'xortihom sabu mîn jilkaghhom b'imhabba ta missier u omm. Bosta minnhom il-lum mkabbdin ġmielhom, x'uhud lahku kassisin, ohrajn dahlu Patrijiet seû Malta u seû barra minn haûn Malta, ohrajn kieghdin ihejju ruhhom ghal Missionijiet tal Affrica u ta artijiet fil bghid, biex jahdmu fil kasam t'Alla ma hutna il Maltin. Fosthom, daûn it-tfâl, chien hemm li m'hux ta tûemmin ûiehed maghna jeû barra mill hdân tal Cnisja, u daûn baghku biex dahlu nsrara bhalna.

Daûn huma is-snajja l'ighallmuhom l'it-tfâl ta'd-Dâr ta San Giûżepp: ta scarpan, ta hajjât, ta stampatur, ta legatur, ta mastrudaxxa: atuhom ix-xoghol u mbaghd tcunu tafu jafux jahdmu! Ghandhom il Banda taghhom, u nahseb xi darba smajtuhom idokku f'xi festi tal Belt u ir-Rhula. Ighallmuhom it-taljan, l'ingliż, u xi ftit ta disinn ucoll, daks chemm jinhtiegilhom gha's-snajja li semmejna. Patri V. Hornyold, ir-Rettur tal Culleġġ tal Giżûiti ingliżi ta San Giljan (chif nakraû fil «Gazzetta di Malta» tal 10 ta Giûnju 1894), chien kâl: «Morru u araû ix-xoghlijiet ta dac l'Istitut ta mîn ifahhru». Lilu, fi żmien il Canonicu Bonnici, seû l'Armirall Buller chemm il Conti Strickland (il-lum f'Perth, Gvernatur tal

Western Australia) bagħtulu xi għodod biex actar jaraŭh gejj il kuddiem u iħajjru lil oħrajn jagħmlu bħalhom, u iŭettku minn għalihom lil mîn ta' lilu in-nifsu għal gîd ta't-tfâl. Lil Canoncu Bonnici,nafu chif is-sur Giann G. Fathullah Hannah Asphar (il għaliex għaddeŭ minn idejja) chien bagħatlu mitejn u ħamsin lira biex bihom iraŭŭem stamperija; il-lum, għandhom



*Dun Giorg Bugeja*

mâcna sabieħa u jaħdmu biha ħafna xogħlijiet ta cotba.

L'24 ta Novembru 1898, għaxar snîn u tliet xhur ŭara li tŭakkfet id-Dâr ta San Giŭżepp, l'Iskof Monsinjur P. Pace bagħat lil Dun Manŭel Vassallo (il-lum Canoncu tal Catidral) bħala Direttur ta dan l'Istitut; u miegħu lil Dun Giorġ Bugeja, bħala Vici. Minn mindu mbagħd, Monsinjur Dun Manŭel Vassallo laħak Rettur ta's-Seminarju il Furiana, b'digriet ta's-17 ta Jannar 1905 l'Iskof ried Direttur ta'd-Dâr ta San Giŭżepp lil Dun Giorġ Bugeja.

Nhar ta Gimgħa il 31 ta Mejju ta din is-sèna 1912, fl'Attijiet ta'n-Nutar Michelinu L. Casolani (issa Nutar tal Gvern), din id-Dâr ta San Giŭżepp giet mogħtiha b'cens perpetŭŭ lil Dun Giorġ Bugeja, u l'id-Direttur tagħha għal dejjem. Ŭieħed Kassis, li jixtiek il gîd tal erŭieħ, erħieli f'idejja *elf lira* minn tiegħu,

u is-sur Carm Bugeja *tliet mitt lira* oħra, biex bihom talagħ dac il bìni ġdîd li taraŭ f'id-Dâr ta San Giŭżepp, u hecc it-tfâl icollhom actar ŭisa u jistgħu jidħlu oħrajn magħhom għal sehem tal gîd l'isir hemm. Ħalli ix-xogħol joħroġ aħjar, aħna nittamaŭ li jinkalgħu xi erŭieħ tajjba oħra u jibnu il bkija li jinħtieġ biex hecc l'Istitut jicber u icun jista idaħħal tfâl darb'oħra daks li hemm, u cnisja għa't-tfâl u għal girjien. Xejn ma isir gîd b'id-dakxejn ta cnisja ta'd-Dâr ta San Giŭżepp!

10. CONSERVATORJU CAV. CENSU BUGEJA (*il Ħamrun*) Tista tgħid l'imiss ma għha, għaliex ma hemmx ħlief triek bejniethom, magenb id-Dâr ta San Giŭżepp, taraŭ dac l'Istitut il cbir li tallagħ f'ħajjtu u bi flusu, il Marchiż u Cav. Censu Bugeja biex fih jittrabbeŭ daŭc il bniet iltiema, ulied in-nies li fi żmienhom chienu jagħmluha tajjeb, l'icollhom ix-xorti idaħħluhom hemm, fi ħsieb is-Sorijiet tal Carità ta San Vicens di Paŭla.

L'Istitut mbèna fi żmien Monsinjur Pace Forno, Arciskof ta Malta, mill Perit Webster Paulson, fuk pianta tal Perit Conti Vespignani ta Ruma, illi Sir Ferdinandu Inglott chien ħażżlu chif xtaku l'icun.

Meta il Marchiż Censu Bugeja, l'24 ta Lulju 1873 mâr ma Sir Ferdinandu Inglott kuddiem il Papa Piu id-IX u semmeŭlu bil ħsieb tiegħu li iŭakkaf dan il Conservatorju, il Papa bil ħleŭŭa collha ŭettku f'din il fehma it-tajjba tiegħu: «*Qui ad justitiam erudiunt multos, quasi stellæ fulgebunt in perpetuas æternitates,*» kalilhom il Papa; jigifieri: Daŭc li f'is-seŭŭa igħallmu lil còtra, bħala cŭiecheb jiddu għala dejjem.

Il Princep tal Wales, illi mbagħd laħak Dŭardu is-VII tal Ingliterra, meta, hua u gejj l'ura mill Indja għadda minn Malta, għamlu *Cavalier*: chien nhar is-6 ta April is-sèna 1876. Tliet iġmiegħ ŭara, u seŭ-seŭŭ nhar il 20 ta April, Lady Van Strabenzee, mart il Gvernatur Sir Charles, tât id-dakka tal mgħallem lil eŭŭel gebla tal «Conservatorju Cav. Censu Bugeja.»

L'aħbarijiet li gibna fuk dan l'Istitut, ħadniehom mill ctieb ta't-Tabib Nicol Zammit «Conservatorio Cav. Vincenzo Bugeja» li ħareġ is-sèna 1883.

«Ebda hena m'hi akŭa minn dic ta meta tħenn għal għajrec billi tħabrec biex tgħinu jirtafagħ m'it-tiġrib tiegħu,» chiteb Silvju Pellico; u meta dac inhar ta't-18 ta Mejju 1880, il President Sir Antonio Micallef fetaħ bieb il Conservatorju, din il hena ħasseŭha f'kalb-hom u nissiethom chemm taħbit chellhom seŭ il Mar-chiż u seŭ il Marchiża Bugeja, sa temmeŭ xeŭkithom li araŭ dan l'Istitut mgħammar b'ix-xebbjiet taħt it-trigija ta's-Sorijiet.

Il Marchiż Censu Bugeja, b'it-testment li għamel ta flimchien mal Marchiża Anna Bugeja fl'24 ta Giŭnju 1890 u nfetaħ fil Korti minn għand in-Nutar Achille Micallef it-18 ta Settembru ta dic is-sèna, ħalla b'eŭr-riet tiegħu dan il Conservatorju l'igîb ismu, u jaħsbu f'collox tal Cumitât li fih mdaħħlin l'Iskof u il Gvern.

Il Conservatorju tal Cav. Censu Bugeja, tŭakkaf nhar l'4 ta Dicembru 1880, fl'Attijiet ta'n-Nutar F. S. Camilleri; imma, f'it-testment tiegħu, barra minn xenxila legati oħra,ħalla £20,000 biex l'imgħaxijiet tagħ-hom jitkassmu bejn iż-żagħżaħ li jixtieku isiefru ifitt-xu xortihom b'ix-xogħol f'artijiet oħra (Emigrazzjoni),

bħalma chien għamel kàblu il grieg Papaffi; ħalla ucoll £26,000 biex jimbèna Istitut għa't-tagħlim ta's-Snajja; dac li infetaħ il Ħamrun, l'eŭŭel ta April ta din is-sèna (1912), fil krîb tal Conservatorju, li bejnhom it-tnejn iż-żeŭġ Istituti, tinsâb id-Dâr ta San Giŭżepp.

II. ISTITUT TA'S-SORIJIET FRANGISCANI TAL EGITTU (*il Birgu*) Ħabta ta nofs ix-xahar ta Settembru ta's-sèna 1881, chienet ġiet mill Cajr is-Soru Frangiscana tal Missiŭnarji tal Egittu, Maria Carmela Ellul, minn Bormla; u magħha ŭaħda Seŭda minn ta Barta, lsira li chienet ġiet mifdieha minn Mons. Comboni, u daħħalha f'Istitut fejn chellha ix-xorti titrabba.

Is-Soru Maria C. Ellul chienet ġiet titlob xi ftit tal għajnuna biex jierġgħu jibnu l'Istitut ta daŭn is-Sorijiet, nofsu mġarraf b'it-theżhiżjiet tal art. B'li chiteb Dun Giampatist Spadaro f'ŭaħda mill gażżetti ta dac iż-żmien il «*Fede ed Azione*» d-29 ta Settembru u l'20 ta Ottubru, għarraf l'erŭieħ ta kalbhom tajjba bil fehma ta's-Soru, u il ġàbra ntelgħet ġmiela.

Xhur ŭara, fil 1882, il Għarab tal Cajr kâmu bl'icraħ għal Nsara; u mîn ma laħakx ħarab, ħàbat ħażin magħhom. Fosthom daŭc li ŭarrbu u geŭ Malta, chien hemm is-Soru M Geltrude Darmanin, mill Birgu, (li kalgħet mill Papa li tibka Malta), u is-Soru M. Eŭgenja Zammit, minn Lixandra imma mnissla minn Bormla. Is-Sorijiet li haŭn Malta isejjħulhom *ta Fra Diegu*, u Għaŭdex *ta Dŭn Giŭżepp Diacunu*, minnhom ħadu is-sura tal libsa tagħhom.

Żmien Monsinjur Fra M. Anton Buhagiar, reġgħu geŭ żeŭġ Sorijiet oħra, u dan l'Iskof talabhom li jiftħu Istitut haŭn Malta, fejn igħallmu il bniet. Dan l'Isti-

tut tŭakkaf il Birgu is-26 ta Mejju tal 1886, b'ħames Sorijiet f'id-Dâr ta magenb il cnisja tal Carmnu. B'it-teftifa li jatuhom, igħallmu it-taljan, l'ingliż u il franciż, il pianu, il mandulina, tifsil u ħjata u coll għamla ta raccmu.

12. DAR OĦRA TA DAŬN IS-SORIJIET (*Ħall-Żabbar*) Bħala fergħa ta dan l'Istitut tal Birgu, l'eŭŭel ta Aŭŭissu 1911 nfetħet Dâr oħra Ħaż-Żabbar. Bdeŭ biex ħames Sorijiet, b'is-Soru Maria C. Ellul bħala Superiŭra, marru jokogħdu il Carcara is-17 ta April 1890. Imma, ŭara disa' snîn, ħtiegilhom jitilku u creŭ dâr cbira Ħaż-Żabbar b'ħamsa u għoxrin lira f'is-sèna: u daħlu fiha f'Dicembru 1898.

Sa dac iż-żmien marru tajjeb, għaliex il Gvern chien għâdu ma ħasibx jiftaħ li scola ta hemm: colmîn chien jista iħallas xi teftifa, chien jibgħat il bniet għandhom. It-tfâl żdiedu, u ħtiegilhom icabbru. Nkala' Dun Carm Azzopardi, kassis minn ta dac ir-Raħal, u tahom b'xejn kasma ràba, fl'Attijiet ta'n-Nutar G. B. Saydon tal 31 ta Marzu 1903. La għandec ħex u biex, ibni u ħaddem in-nies. Is-Sorijiet ħasbu jibnu sa fejn ilaħħkilhom ix-xlief; imma, in-nefka telgħet bosta actar, u għamlu id-dejn; isellfu ħames mitt lira mill Curja tal Iskof, u x'ħin tħallas collox, fadlilhom mitejn ħamsa u erbgħin lira f'idejhom.

Imma, it-tfâl bdeŭ jonksulhom mħabba fli scola tal Gvern, billi ta b'xejn ŭisk orħos m'it-teftifa li tcun tħallas, bakgħu sejjrin l'ura u is-Sorijiet chellhom fehma u collox li jitilku. Ndaħal l'Iskof Monsinjur Pace, u il Cappillan, u daŭn talbu lil Dun Giampatist Spadaro jara x'jista jagħmel. Dun Giampatist irid jilħak ma

Istituti oħra; imma, hu le ma katagħ kalbu, u ndaħal għal dan ucoll! Imma, bil 245 lira u 6 xelini ma 'ttallagħx sŭar; u b'sular ŭieħed, l'Istitut ankas ma jistagħ jigi il kuddiem la ŭis a ma icollux; l'actar, mbagħd, la meta mbèna minn kabel chien niekes minn bosta ħŭejjeġ. U mîn ta' tŭieki u mîn bibjien, u mîn flûs u mîn xogħol b'xejn, tridu tkîsu illi ntefku ma dŭar is-600 lira oħra; għâd li b'id-dejn ħŭejjeġ żgħâr, għaliex ma laħkux is-sebgħin lira.

Li ma chienx ħlief għal mitejn tifla, u iżjed ucoll, illi imorru għandhom għa't-tifsir ta'd-dutrina, daŭn is-Sorijiet ħakkhom ta mîn jagħmlilhom il kalb, seŭ b'ix-xogħlijiet li ŭieħed jista igħaddîlhom, seŭ b'xi teftifa tal flûs: l'Istitut ta daŭn is-Sorijiet jinnsâb fi Strada Rjali, fli skâk ta San Viçens.

13. IS-SORIJIET ID-DUMNICANI (*Għaŭdex*) Is-sèna 1885, ix-xebba Carolina Caŭchi, mħajjra minn Monsinjur P. Pace, f'iż-żmien Iskof ta Għaŭdex, bniet Cunvent ir-Rabat (*il-lum il Beld Vittoria*) għal xi Sorijiet l'imorru iduru mal morda fi djarhom. Tlakkgħu magħha xebbjiet oħrajn b'fehma ŭaħda bħalha, u libsu Sorijiet b'ir-Regula ta San Dumincu. Żmien bi żmien, il Gvern ħallielhom fi ħsiebhom il Lażżarett ta Għaŭdex, meta nkala' xi mard li jirticheb. Mîn icun jixtiek il għajnuna tagħhom fil mard, barra milli jinkalgħu ħafna, isibhom għal kalbu, billi dan ix-xogħol tagħhom tal ħniena daħlu għalih għal mħabba t'Alla.

14. DAR IS-SNAJJA (*Għaŭdex*) Mîn jinzerta Għaŭdex, jagħmel tajjeb jasal ix-Xagħra, u imur iżûr DAR IS-SNAJJA li ŭakkaf il Canoncu Dun Giŭżepp Diacono is-sèna 1891, li dic il ħabta (u sal 1908) chien Arci-

priet ta dac ir-Raħal. Il fehma tiegħu, dan il Canoncu Diacono, chienet li jiġbor f'din id-Dâr il bniet ta'r-Raħal biex fil ŭakt li ifissrulhom id-Dutrina u jieħlishom m'it-tiġrib, jitgħallmu xi sengħa; bizzilli, nsîġ, ħjata, malja, u is-sengħa ta't-tisjir u kàdi ieħor f'id-djar għal mîn jixtiek jidħol ma'n-nies, li ħaġa ŭisk meħtieġa.* Fil bitħa tagħha din Dâr is-Snajja, lil mistiednin ureŭhom chemm il darba ix-xogħlijiet li għallmuhom is-Sorijiet il Frangiscani li jieħdu ħsiebhom, u li daŭn nħolku sèna kabel ir-Rabat, chif semmejna, fil facċ: 47.

Il Gvernatur Grenfell u l'oħrajn ta ŭarajh, marru chemm il darba iduru dan l Istitut tal Canoncu Diacono; u il Gvern bèda igħaddilu għoxrin lira ta coll sèna. Bihom, nfetħet dâr oħra il Beld (Valletta) fi Strada Mezzodì, in-Nru. 28, għa't-tagħlim tal bizzilli; u il-lum bosta xebbjiet ucoll li jagħmluha tajjeb, jagħmlu dmirhom biex jitgħallmu din is-sengħa, Ngliżi u Maltin.

Barra m'ix-xogħlijiet l'igħallmu f'Dâr is-Sengħa ta'x-Xagħra, minn ftit żmien il haŭn, bdeŭ jilkgħu fiha xi tfailjiet ltiema. Biex jistgħu jilħku magħhom ucoll, bdeŭ jibagħtu il bizzilli jimbiegħu Malta. Imma, issa il Canoncu Diaconu ma felaħx actar għalih dan il ħafna ħsieb. Ŭara daŭn is-snîn collha ta xogħol, talab lil Arcipriet ta'r-Raħal jieħu sħieb l'Istitut, bħala Cappillan tiegħu; u telak f'idejn Frangisc Xiberras, bħala

---

* Ħaġa meħtieġa, tasseŭ; iżda, mîn irid jinkèda b'ħaddieħor, jiftacar li daŭc ix-xebbjiet l'idaħħal f'daru, għandu jibża għalihom, jieħu ħsieb ruħhom bħalchiecu uliedu, chif igħallimna San Paŭl, u iħallashom chemm jigi minnu.

Sindcu, Dâr is-Snajja; u ħalla bi Presidenta lil Carmni Farrugia; u hu nġabar jistrieħ, il għaliex saħtu ma tatux iżjed: imma, il hena li hu iħoss f'kalbu għal gîd cbîr li għamel, bħala rahan ta dic li ma għandhiex tmiem.

15. CONSERVATORJU TA SAN GIŬŻEPP (*Bormla*) Nerġgħu mija u disgħin sèna l'ura, meta fl'1725 Laŭrica Agius ŭakkfet dan l'Istitut għal bniet ta Bormla. Għall eŭŭel, ftit chienu it-tfailjiet li setgħu jidħlu; imma, bejn li Monsinjur Labini ta' minn tiegħu lil dan il Conservatorju, u bejn li ġabarlu; u b'dac li issoctaŭ jatuh l'Iskfijiet Monsinjur Mattei u Monsinjur Sant u oħrajn, l'Istitut cabbruh, u il-lum jinsabu miġburin fih mija u sitt xebbjiet. Minn erbgħin sèna l'haŭn, jieħdu ħsieb l'Istitut is-Sorijiet ta San Giŭżepp, daŭc li għandhom Culleġġ tas-Sliema, u Scola fi Strada Zaccarija il Beld, u oħra Hall Tarxien.

16. IS-SORIJIET L'ORSOLINI (*il Beld*) Is-26 u it-28 ta Mejju, fl'Istitut tal Orsolini, Alexandra Avenue, tas-Sliema, saru festi cbar li fihom ħadu sehem Monsinjur Pace u Monsinjur Portelli, bħala tifchira tal ħamsa u għoxrin sèna li għalku fl'4 ta dac ix-xahar mindu Monsinjur Dun Sidor Formosa ŭakkaf Malta il Congregazioni tal Orsolini ta Sant'Anġla Merici, u fetaħ l'eŭŭel Istitut tagħhom tal Beld.

Is-sèna 1887, fl'4 ta Mejju, fi żmien Monsinjur Fra Ant. M. Buhagiar, nfetħet Strada Ospedale l'eŭŭel Dâr, biex fiha l'ommijiet jistgħu, ŭakt ix-xogħol, jibagħtu għand daŭn is-Sorijiet it-trabi u l'uliedhom l'oħra iż-żgħâr. Din id-Dâr, Nhar li Mnarja tal 1900, bidluha ma oħra fi Strada Stretta, seŭ ma genb Strada Mezzodì (*it-Triek tal Armirall*). Daks chemm dan

l'Istitut ngħoġob, dac ir-ruħ tajjba ta Monsinjur Formosa, is-17 ta Frâr tal 1894, fetaħ Dâr oħra fi Strada Stella Maris, tas-Sliema; u mbagħd fil 20 ta Dicembru 1903, is-Sorijiet marru fl'Istitut il ġdîd bil cnisja tiegħu, li hu bnielhom minn flusu f'Alexandra Avenue; u ħasiblu għal collox mîn kiegħed jicteb dan il ctieb. Imma, mbagħd, il 10 ta Dicembru 1910, fraħna ħafna naraŭ id-Dâr l'oħra tagħhom li infetħet li Msida dac in-nhar, u li bnielhom Monsinjur Formosa.

Il cnisja tal Orsolini ta tas-Sliema, ta fejda cbira għal mijiet tal bniet l'imorru fiha jisimgħu priedchi illi igħoddu għalihom u li jistgħu jitħmuhom tajjeb, fejn igħallmuhom ħafna b'it-tifsir ta'd-dutrina.

Il Papa Ljuni XIII xtâklu mitt gîd lil Monsinjur Formosa bil ittra li bagħatlu għal Istitut li hu ŭakkaf; Monsinjur Fr. Ant. M. Buhagiar, f'April 1889, ħajjru imur dejjem il kuddiem; Monsinjur Dun P. Pace, ħàbrec għalih minn mindu chien għâdu Iskof ta Għaŭdex; u Monsinjur P. La Fontaine, nhar is-16 ta Frâr 1910, chitiblu ittra, fejn faħħarlu dan ix-xogħol tiegħu tal ħniena. Il Gvernatur Grenfell, daks chemm għoġbitu il fehma li bih tŭakkaf dan l'Istitut, ġagħal lil Gvern jati b'chèra rħis l'is-Sorijiet l'Orsolini, id-dâr ta Strada Stretta li semmejna.

Minn'na issa jonkos li dan l'Istitut icollu friegħi oħra seŭ Malta u seŭ Għaŭdex, biex il gîd li kiegħed isir, icollhom sehem fih li Blied u ir-Rħula l'oħra; niftacru ngħinuh milli nistgħu u mill aħjar li nistgħu.

17. IS-SORIJIET IL BLÙ (*San Giljan*) Daŭn is-Sorijiet l'ingliżi tal Cumpannija ta Maria, isejjħulhom hecc, mħabba fil leŭn *ichal* tal libsa tagħhom, bħalma



**Dun Michiel Sammut.**

l'is-Sorijiet il Missiŭnarji tal Affrica (li jilbsu l'abjad) igħidulhom is-Sorijiet *il Bojod.* L'eŭŭel ma geŭ Malta, nhar it-8 ta Ottubru 1894, marru jokogħdu f'dâr ta Strada Cattedrale, tas-Sliema, li ħasbulhom għaliha il Cumitât ta'd-Dami. Nhar-il-Ħadd ta ŭara, l'14 ta'x-xahar, l'Iskof Monsinjur Pace, milkugħ minn Monsinjur Dun Manŭel Debono Cassia, u m'is-Sorijiet u mill Cumitât, bierec id-Dâr u kaddes fil cappella li laħku armaŭ fiha.

Daŭn is-Sorijiet l'imorru iduru mal morda fi djarhom, daks chemm in-nies sabithom għal kalbhom, seŭŭa għonja jeŭ fokra, chemm nsara jeŭ li m'humiex, ngibdet għalihom, u xtakuhom icollhom dâr cbira, fejn jistgħu jifthu Sptâr minn tagħhom Dac Alla l'imbierec li dejjem imexxi collox għal fehmjiet tiegħu mkaddsa, b'mîn taħsbu l'inkèda biex is-Sorijiet il Blù icollhom Dâr acbar? Xejn ankas milli bil Gvernatur Sir Arthur J. Lyon Fremantle! Il Gvernatur ta' elf lira minn bûtu f'idejn Sir Adrian Dingli, il Cav. Federic Vella u l'Avucat tal Curuna Fredu Naudi u talabhom jaħsbu għal bìni ta Dâr għal daŭn is-Sorijiet il Blù. Ir-ràba tahulhom Monsinjur Debono Cassia. Il pianta għamilha il Perit Paŭlu Busuttil: hecc mbniet id-Dâr «Casa Leone XIII». Tkiegħdet l'eŭŭel gèbla tagħha, it-22 ta Ġunju 1898 u nfetħet il 11 ta Dicembru 1900 mill Gvernatur; u l'Iskof Monsinjur Dun P. Pace biericha. Dac in-nhar, nchixef bust ta rħam ta Lady Fremantle, bħala tifchira talli jafuhulha għalli għamel żeŭgħa għa's-Sorijiet.

Mîn jista igħid chemm fokra u għonja jibkgħu jiftaħru bihom daŭn is-Sorijiet il Blù! Il għonja iħallsu, la darba Alla tahom mnejn, għaliex is-Sorijiet ma nzertaŭ

igħixulec b'ir-riħ; il fokra, xejn; u il għonja u il fokra jibkgħu ifaħħruhom u jafuhulhom: u billi għandhom magħhom is-Sorijiet Maltin ucoll, jistgħu jakdu il colħadd. Rajthom magenb is-sodda il jiebsa tal fkir, ltkajt mal fokra f'is-sodod rtâb ta li Sptàr tagħhom, fejn giè li żammeŭhom ix-xhur; u ma raħħmulux bi ftit u biercu is-siegħa u il ħin li l'Iskof talabhom jiġu haŭn Malta. Dèni jeŭ mard li jirticheb, għalihom xorta; issibuhom magħcom x'ħin jinħtiġulhom, lejl u nhar, fil killa ta'x-xemx jeŭ ir-reżħa ta'x-xitŭa.

18. LI SPTAR TA ZAMMIT-CLAPP (*San Giljan*) Magenbha, id-Dâr «Casa Leone XIII,» bla ħitan bejniethom fil ġonna tagħhom, jidher mill bgħid dan li Sptâr mill isbaħ, illi Emilia Zammit-Clapp bniet bħal sa sentejn bħala tifchira ta żeŭġha Henry Lyman Clapp.

Chif tidħlu fih mill bieb il cbir, taraŭ mal lemin tagħcom scrizzioni li gibna fil facc: 51. Nfissruhielcom haŭn, biex tcunu tafu mill eŭŭel il fehma ta Mrs. Clapp u ta oħtha, is-sinjorina Mary Zammit: «*Dan li Sptâr mŭakkaf bħala tifchira ta Henry Lyman Clapp mill armla tiegħŭ Emilia, u minn oħtha Mary Zammit, u minnhom mogħti bħala ŭirja ta kîma lil Papa Piu l'X ta meta għalak il ħamsin sèna li îlu ikaddes— It-tielet jum ta Ġunju 1910—seŭ meta għalak sninu is-Sultan Giorġ il V—il Gvernatur ta Malta Henry Leslie Rundle, għarrafna li dan li Sptâr issa nfetaħ*»

Sèna ŭara, għaliex dac l'igħidu li ma għandu xejn x'jagħmel, iberren dejjem u jara x'jakla, saret fl'aħħar il ftehima bejn Mrs. Clapp u il Gvern, u għamlu it-tnejn minn idejhom fl'Attijiet ta'n-Nutar Michelinu L. Casolani, nhar it-23 ta Giunju 1911, u li Sptâr u ir-ràba tiegħu

bakagħ għal Gvern, iżda is-Sorijiet tal Cumpannija ta Maria (is-Sorijiet il Blù) *jibgħu dejjem jagħmlu minnu, bla ma ħadd jindaħlilhom u bla xejn ma iħallsu lil Gvern, daks chemm jibkgħu haŭn Malta.*

Daŭc collha li chellhom x'jaksmu ma dan li Sptâr seŭŭa f'mard jeŭ xi *operazzioni*, jistgħu jixhdu jecc it-tobba sabuhomx magħhom f'colma talbuhom, u sabux l'acbar ndafa. Għal dic li arja, mbagħd, nħallicom taħsbu jecc tatix il ħajja! Chemm il darba mort sa hemm, ħassejtni nieħu ir-ruħ: u chelli biżżejjed x'naksam ma dic il għolja tal Ballut, sa ma mbèna dan li Sptâr, billi Mrs. E. Clapp għoġobha titlak collox f'idejja. Haŭnhecc nista ngħidilcom li bejn ir-ràba li xtàra żeŭġha u il giebja il cbira li laħak ħasiblu għaliha Monsinjur Debonu Cassia u bejn ir-ràba li xtrât hi, u il bìni u bosta ħŭejjeġ oħra meħtieġa għal li Sptâr, Mrs. E. Clapp nefket fuk id-disat èlef lira, jecc m'hux actar ucoll. Jixirkilha, mela, il ittratt tagħha ta'ż-żejt li jinsâb li Sptâr bisŭit dac ta żeŭġha, Henry Lyman Clapp, li għamilhom Calì; u niextieku naraŭ ucoll, bla ma ndumu, l'ittratt ta's-Sinjorina Mary Zammit.

19. THE ROSARY SCHOOL (*San Giljan*). Sèna ŭara li is-Sorijiet tal Kalb ta Geżù, fetħu Culleġġ fil Villina Portelli li magħha nifdu djar oħra, f'Ottubru tal 1903 (chienu ŭaslu Malta ħàbta ta Aŭŭissu), nkdeŭ b'ħamest icmamar żgħar f'iċ-ċocon li chellhom, biex fetħu scola għal bniet bi ħlâs ta *xelin* f'ix-xahar, *għal mìn jista iħallsu.* F'Ottubru tal 1907, la darba daħlu fil Cunvent il cbir li għandhom tal Ballut, cabbru din li scola, li huma isejjħulha tal Użarju: u fiha imorru ta coljum jitgħallmu, filgħodu u fuk ofs-inhar, daks mija u

ħamsin tifla, barra minn għoxrin oħra subjien li daŭn iŭassluhom ommijiethom billi żgħar.* Is-Sorijiet igħallmuhom jakraŭ u jictbu bl'ingliż, b'it-taljan u bil malti; lil bniet, la jibdeŭ jitfarfru, igħallmuhom il ħjata u ittifsil. Is-Sorijiet ta din li Scola tal Użarju, tgħallmu ġmielhom jitchellmu u jakraŭ bil malti, biex jistgħu icunu actar jilħku ma daŭn it-tfâl illi ommijethom jierħulhom f'idejhom biex igħallmuhom ucoll id-dutrina u id-dmirijiet ta nsara li aħna. Trid tarahom daŭc it-tfâl chif jitgħallmu l'indafa u chif jafu igibu ruħhom!

20. LI SCOLA TA SANTU ŬISTIN, *u oħrajn.* Għandna mbagħd il Beld li Scola tal Patrijiet tal Cunvent ta Santu Ŭistin, fejn it-tfâl imorru jitgħallmu bla ma iħallsu xejn; hemm, Ħall Kormi, il Cunvent ta's-Sorijiet l'Agostiniani li geŭ haŭn Malta daks tmintax il sèna îlu; il Ħamrun, ta's-Samra, hemm il Cunvent ta's-Sorijiet *ta Nuzzu*, l'imorru igħallmu id-dutrina il Marsa; Ħ'Attard, fil Villa Bologna, għandna is-Sorijiet il Frangiscani Missiŭnarji ta Maria, fejn igħallmu l'ulied il fokra, u xogħlijiet sbieħ ŭisk; u la darba daŭn ix-xebbjiet jitgħallmu, jibdeŭ minn fuk iħallsuhom ta'x-xogħlijiet li jagħmluhom għal bejgħ. Ŭaslu Malta l'aħħar gimgħa ta Jannar 1911, u bdeŭ b'it-tagħlim li għidna, ix-xahar ta Settembru. Nizzuħajr l'Alla, għandna mitt gîd haŭn Malta; u minn colfejn l'is-Sorijiet xi Gvernijiet bagħtuhom, issib li bdielhom, u bil ftit il ftit bakgħu biex ŭakgħu għalihom! Franza, f'xi rħula u iblied

---

* F'dal Ctieb ma nsemmux u la fuk il Culleggi u ankas fuk il Cunventi l'oħra fejn idaħħlu ulied il għonja, ħlief jecc għandhom xi schejjel bla ma jitħallsu.



*Dun Giużepp Bussietta.*

żgħar reġgħet talbithom imorru fli Sparijiet! Fejn isibu mîn bħalhom iħenn għal marid?

***

Sa fejn nista niftacar, għidtilcom collox: bakagħli nsemmi biss fuk l'Oratorji is-Salesiani u xi oħrajn ta katgħa ūaħda bħalhom; u nkîs li nagħmlu fi ftit cliem, għaliex nistħajjel li għoddni dejjaktcom.

21. Fuk id-Domus u fuk l'Oratorju Salesian ta tas-Sliema, issibu chemm tridu f'in-Nru. 80 ta daūn il «*Cotba tal Mogħdija taz-Zmien*» u «*Il Missiunarju iż-Żgħir*»

L'Oratorju ta Birchircara, ūakkfuh bi flushom in-Nutar Michelinu L. Casolani u is-Sinjura tiegħu; għal cnisja, id-dâr, it-tïatrin u il bitħa il cbira fejn jiltakgħu it-tfâl jilagħbu, nefku talankas elf u mitejn lira; imma, l'isbaħ ħaġa, li in-Nutar Casolani flimchien ma Dun Michiel Sammut, ħabircu għalih u ħadmu chemm felħu biex igibuh il kuddiem, u issa fih għaxka: jilħku icunu minn sitta sa seba' mija it-tfâl li jinġabru f'dan l'Oratorju ta Dumincu Savio; it-tkarbin ta't-tfâl illi isir f'dic il cnisja, ħūejjeġ cbar; it-tagħlim u it-tifsir ta'd-dutrina li jagħmlu x'uħud mill Canonci ta dac ir-Raħal u il Catechisti, ta fejda cbira ūisk; u x'ma tixtiekx li Oratorji bħal daūn jitūakkfu fl'Iblied u ir-Rħula ta Malta u ta Għaūdex! L'Oratorju «Dumincu Savio» ta Birchircara, li għandu b'Direttur tiegħu ūieħed Patri Salesian, nfetaħ il 31 ta Lulju 1910. Fuku semmejna ħafna drabi fil «*Missiūnarju iż-Żgħir*», fejn għidna xahar xahar b'ix-xogħol tal gîd l'isir hemm. «*Il Missiūnarju iż-Żgħir*» nħolok bħal sa sèna, l'actar għalihom it-tfâl tal Oratorji; it-tnax il xahar flimchien jagħmlu ctieb ġmielu ta 192 facciata.

Il Cardinal Nagl, Arciskof u Princep minn ta Vienna, meta mâr f 'Gorizja iżûr is-Salesiani, daks chemm għamel għalihom, satagħ jiftaħar tabilħakk: «Nifraħ ħafna naracom» kalilhom l'it-tfâl tal Oratorju; għaliex it-tfâl għal kalbi ŭisk, u minn għalija nista ngħid illi jien il Missier tal Istituti is-Salesiani tal Aŭstrija.» U fl'24 ta Marzu, hu u għaddejj minn Triesti, mâr jarahom l'is-Salesiani, u miegħu l'Iskof ta hemm, Monsinjur Karlin: «Trabbeŭ ta tfâl nsara li intcom, uliedi,» kalilhom l'it-tfâl; «u la tinseŭx dac li is-Salesiani jagħmlu dmirhom inisslulcom f'kalbcom għal aħjar tagħcom; kîsu dejjem li bl'imgieba it-tajjba ta bejnietcom, tcunu ta gîd lil xulxin; u m'hux bħalissa biss li tinsabu haŭn, iżda il kuddiem ucoll meta tcunu mxerrdin ma'd-dinja, u fil bgħid mill Culleggi jeŭ Oratorji is-Salesiani. Ara la katt tinseŭ fejn intcom tgħallimtu; ibkgħu dejjem ftacru fejn għaddejtu daŭn l'aħjar snîn ta ħajjitcom; u din it-tifchira tŭettakcom għa't-tiġrib u il għaŭġ li magħhom għâd tistgħu tiltakgħu!» Daŭn u ħŭejjeġ oħra hecc, kalilhom lil daŭc it-tfâl il Cardinal Nagl, chif miġubin fl'«*Eco del Litorale*» ta ħames xhur îlu.

Hemm, mbagħd, id-Domus (*Dâr iż-Żagħżagħ*) fuk is-Sŭar f'tarf l'Isla b'it-tŭieki għal fuk il baħar, li ŭakkaf ha Dun Giŭżepp Darmanin; chien it-tieled Hadd ta Jannar tal 1909; magħha hemm Oratorju. Dan nfetaħ il 10 ta Frâr ta's-sèna li għaddiet, l'1911, bil għajnuna ta kassisin oħra mill Isla; u dalŭakt icollu fergħa oħra f'it-tarf l'ieħor ta din il beld, taħt it-trigija tal Canoncu Dun Giŭżepp Bonanno. Nhar-il-Hadd, is-26 ta Aŭŭissu, saret festa sabieħa ħafna f'dan l'Oratorju; fiha ħa l'akŭa sehem l'Iskof Mons. Anġ Portelli, u Dun Giŭżepp Darmanin

kassam lil mistiednin collha ittratt tal Papa Piu l'X b'li chiteb fih b'idejh, meta, nhar it-13 ta Lulju li għadda bagħtu lil Dâr iż-Żagħżagħ u lil Oratorju tal Isla, u bierichom ta Missier li hu.

Daŭn huma cliem il Papa:—*Ai diletti figli, che si raccolgono per l' Oratorio festivo «Casa dei Giovani» nell' Isola di Malta, col voto che approfittino delle salutari istruzioni per essere alla loro volta premurosi Maestri di Catechismo sotto la Direzione dei Maestri in Israello, i Vescovi, i Sacerdoti, impartiamo di cuore l' Apostolica Benedizione.*

*Dal Vaticano li 13 Luglio 1912.*

PIUS P.P. X.

F'dan l'Oratorju «Piu l'X» tal Isla, ŭakkfu ucoll is-*Salesian Boys' Brigade*, bħalma għandhom f'dac ta «Dun Bosco» tas-Sliema u f'dac ta «Dumincu Savio» ta Birchirchara. Is-Salesian Boys' Brigade, geŭ mŭakkfin haŭn Malta minn Patri V. Allegra bil fehma li it-tfâl li jinchitbu fiha (u biex jinchitbu fiha iridu, kabel xejn, icunu jistħokkilhom bl'imgiba it-tajjba), jidraŭ jâagħmlu id-dmier tagħhom ta nsara u kuddiem colħadd bla mistħija ta xejn, fil ŭakt illi tagħmlilhom il gîd f'saħħithom ucoll: daŭc li jidhrilhom xort'oħra, nħalluhom jaħsbuha chif iridu, il għaliex b'dakshecc ma jagħmlu ebda ħsara; jecc la darba mîn jisma bihom, imur ftit u jara b'għajnejh chemm daŭc it-tfâl dħulin u fuk ruħhom, u actarx jibda jixtiek li uliedu jinchitbu f'is-Salesian Boys' Brigade.

Nhar-ta-Hadd, l'aħħar ta's-sèna li għaddiet, 1911, il Cardinal Bourne, Arciskof ta Westminster, ried juri chemm hi għal kalbu is-*Salesian Boys' Brigade.* Fuk

hecc, lil tal Cumitât, Curunel Briffa, Curunel Engerer, Sir Richard Micallef, Monsinjur P. Galea, il Maggiur Sciortino, il Maggiur Denaro, u il Maggiur Savona, Patri O'Grady, Dun Michiel Sammut, u oħrajn, bil President tal Brigade il Patri V. Allegra, lakagħhom fil Culleġġ ta's-Sorijiet tal Kalb ta Geżù (*San Giljan*) u hemm ried jieħu l'ittratt magħhom u ma t-tfâl ta's-*Salesian Boys' Brigade* ta tas-Sliema u ta Birchircara chif gibniehulcom fil faccciata l'oħra (daŭc tal Oratorju «Piu l'X» tal Isla, chienu għâdhom ma għandhomx il Brigade). Il Cardinal Bourne hua il President tal *Catholic Boys' Brigade* tal Ingliterra collha, u is-Salesian Boys' Brigade ta tas-Sliema u ta Birchircara, msieħbin magħhom.

It-tfâl u iż-żagħżagħ tal Oratorju «Piu l'X», minn l'għâda l'infetaħ l'Isla, jigifieri nhar il 11 ta Frâr 1911, marru ma Dun Giŭżepp Darmanin, Dun Anġ Raggio u Kassisin oħra, f'id-«Domus» ta'ż-Żejtun. Din tŭakkfet mill ħajjât Anġlu Baldacchino u il ħabriechi Direttur tagħha li hu Dun Spir Grixti, l'Eŭŭel ta's-Sèna li aħna fiha (1912); hecc jafu jagħmlu daŭn l'Opri li il fehma tagħhom il gîd ta'r-ruħ: iħobbu il xulxin bħal aħŭa, igħinu il xulxin, jagħmlu kalb lil xulxin, u m'hux le colħadd għa'r-rasu u ifittex jiekred il sħabu; meta jaslu f'dan, icun jigifieri jeŭ li ma chienux mn'Alla jeŭ li xiħadd għalibhom!

It-tfâl ta't-tĭatrin tal Oratorju ta tas-Sliema, is-19 ta'x-xahar ta Mejju li għadda, marru f'id-Domus ta'ż-Żejtun u għaddeŭlhom tliet siegħât żmien ġmielhom l'it-tfâl ta hemm, u l'it-tfâl l'oħra li Dun Giŭżepp Darmanin ħa miegħu minn tal Oratorju tal Isla. Dac in-nhar, Dun



Tas-Sliema — Il Cardinal Bourne u is-Salesian Boys' Brigade (il 31 ta Dicembru 1911.)

Giŭżepp Bussietta għamel Conferenza, u fisser biha il fehma ta daŭn l'Oratorji. Aħna gibna l'ittratt tiegħu, billi chemm tfâl haŭn tal Istituti tal Carità u tal Oratorji, jafuh; jafuh għaliex sicuit ma tûl is-sèna imur jippriedcalhom.

Dun Giŭann Mamo ŭakkaf m'îlhux Oratorju ieħor għa't-tfâl f'Ħall Paŭla; u daks chemm ħàbreċ, għandu issa ŭieħed mibni ġdîd f'tarf Ħall Tarxien: nixtiekulu il għomor għal gîd.

22. IX-XIRCA GĦAL GĦAJNUNA TAL ĦADDIEMA *(Il Beld)*. Nhar il-Labsi li għadda, is-19 ta Mejju 1912, l'Apostolat ta't-Talb fetaħ cażin għall ħaddiema f'id-Dâr ta Caraffa, il Beld, b'tïatrin u cinematogrâf u sŭali gŭappi għal kàri u għal lakagħt minn tagħhom. L'Iskof Monsinjur Pace K.C.V.O. u l'Iskof Monsinjur Portelli O. P. daħlu ħabta tal 5 ta fuk nofsinhar u lakgħuhom tal Cumitât, ŭakt illi il Banda Salesiana ta't-tfâl ta S. Patrizju iddokk u is-Salesian Boys' Brigade tagħmlilhom il *presentarms*.

Il Vigarju tal Iskof, Monsinjur Attard, kàra telegramm tal Papa fejn bierec din ix-Xirca, u lil msieħbin fiha jixtiekilchom coll gîd; Patri V. Sammut, Giżŭita, kâl erba' chelmjiet ta ragel: xtakt nista ngibhom haŭn; il Commendatur A. Lanzon, għamel conferenza fuk il Carità, tasseŭ ta mîn jagħmilha ctieb biex tibka tifchira tagħha; il Cav. G. Muscat-Azzopardi, mbagħd, tchellem bil malti biex il ħaddiema jifmuh seŭŭa, fejn hu fissrilhom fuk din ix-Xirca li tŭakkfet għalihom; u li kalilhom, issibuh f'iż-żieda tal Ħabib ta't-23 ta Mejju 1912. Il cant tal «*Innu lil Ħaddiema*» tal Prof. Dun Carm Psaila, bil mûżca tal Professur P. Vassallo, chien

fih għaxka. Aħna gibnih bil malti fil facċ: 79 ta'n-Nru. 118 tal Cotba tal Mogħdija taz-Zmien. Chien hemm ucoll ic-cinematogrâf u taħdidjiet ħelŭin ta tfâl bejniethom.

23. IL CONFERENZI TA S. VICENS. Il Canoncu Keating fil ctieb tiegħu «*The Priest, His Character and Work*» igħid hecc: «B'xelin li tati l'haŭn u l'hinn, l'actar biex teħles minn xi tallaba li jicsrulec rasec; iżda b'daksecc, le ma tcun tgħinhom; tagħmlilhom il għajb!., Il flûs bħala flûs, imissha l'aħħar u m'hux l'eŭŭel għajnuna li natu lil f kîr.» U mbagħd, jissocta haŭn Patri J. O'Donnel, fil ctieb li minnu sejjrin ngibu daŭn il chelmtejn (*The Priest of To-Day, His Ideals and His Duties*): Minn għalija, l'aħjar għajnuna, bil biljietti tal ħobż u il ħŭejjeġ l'oħra li meħtieġa għal ħajja, x'ħin jitkassmu minn għand xi Cumitât li xejn ma jokogħd ifittex chemm taħbit u tbatija ikumlu dan ix-xogħol tal ħniena, bħalma huma il Conferenzi ta San Vicens di Paŭla. Il-lum meħtieġ ŭisk actar milli dari illi il fokra u il għonja jagħmluha ma xulxin; illi daŭc li jagħmluha tajjeb, jiltakgħu mal ħaddiema, biex hecc actar jiftiehmu bejniethom u iŭeġġħu il xulxin u jicsru isseħer tal bruda li tnisslet bejn daŭn u daŭc, biex il ŭidjien u il għoljiet jitŭitteŭ u ilcoll nsiru ħaġa ŭaħda. Il cburija ta xuħud li jidhrilhom l'huma xiħaġa x'ħin laħku telgħu dakxejn il fuk, tnissel dac l'imrâr u dic il mibegħda f'kalb il bniedmin, bil bosta actar mill għejra għal gîd tal għonja jeŭ tal għoli li ŭieħed jinsâb fih. Iżda, il fehma ta mîn igħin lil ħutu fil għaks tagħhom ŭakt l'ifittex igħinhom mill ahjar li jâf, trid tcun fuk collox illi iseddkilhom il gibdjiet tagħhom, u iħajjarhom għa'x-xogħol jeŭ igibhom il kuddiem mill actar li jista

f'is-snajja u fil ġàbra. Il flûs ma imisshomx jinagħtaŭ fejn laħak lakat, bla għaкal ta xejn; minn drabi il fakar jeŭ il għacs icun ħtija tal għażż, is-sòcor, u il kerk! Daŭc l'igħaġġbuha bil fehma l'ibellgħulna chemm il fakâr tagħhom cbir, nkîsu li ma imorrux jagħmuna u jiġrilna li ninseŭ l'imsiechen fokra tasseŭ illi sejjrin dejjem jaraŭ chif igeŭŭżu u iġanntu biex ilaħħku għal ħajja tagħhom u ta uliedhom, fil ŭakt li ikîsu l'iżommu ruħhom chif jixirkilhom. U ngħinu chif ngħinu, jaħbat li dac li natu ma icunx dejjem b'daks ŭieħed; biex, il mîn ngħinuh, ma imurx b'rasu li għandu xi jedd fukna u jaħseb li dic il għajnuna għandec tibka ittiehielu għall dejjem.»

Daŭc tal Cunferenza ta San Vicens di Paŭla, jagħmlu dmirhom biex il fkîr igħinuh chif urejtcom li jifhimha Patri O'Donnel; u din chienet il fehma ta dac ir-ragel kaddis u għaref Federicu Ozanam, li ŭakkaf l'eŭŭel ŭaħda f'Parigi is-sèna 1833, u li issa jinsabu minnhom dŭar it-tmint elef, mkassmin ma'd-dinja chif iddur. L'imsieħbin f'daŭn il Conferenzi ta San Vicens di Paŭla, jilħku ma'd-dinja collha, madŭar il mitt elf ŭieħed, u ikassmu ma tŭl is-sèna, mal ħames mitt elf lira ngliża.

Haŭn Malta għandna tminn Conferenzi jeŭ Cumitati ta San Vicens di Paŭla, u coll ŭaħda taħdem għaliha; imma, ilcoll ħaġa ŭaħda u fehma ŭaħda; araŭ chemm hu hecc, li daks tliet darbjiet erbgħa f'sèna, jiltakgħu flimchien bi President tagħhom Monsinjur I. Formosa.

Fl'«*Eco di Nazareth*» (3 ta Frâr 1912) nsibu illi is-sèna li għaddiet it-tminn Cumitati tal Belt, taż-Żejtun, ta tas-Sliema, Bormla, li Mdina, il Ħamrun, li Msida u l'Isla, ilcoll flimchien gàbru £812,, 13 ,, 10; u bejn ħobż, għagin, laħam, ħalib, u lbiesi, u xakak u flûs, tkassmu

£855 „ 13 „ 3; iżjed milli daħħlu. Hobż biss, actar minn erbamija u erbgħin kantâr; u laħam, fuk l'24 kantâr.

24. L'OPRA TAL PROPAGANDA TAL FIDI (*Ljun*) Din hi Carità illi *issir Malta u Għaûdex*, m'hux għalina il Maltin u l'Għaûdxin, iżda għal Missiûnarji l'imorru jissograû ħajjithom (u bosta uħud minnhom imutu b'id-dèni jeû b'is-sejf) biex jiftħu għajnejn daûc l'imsiechen li għâdhom riekdin f'id-dlamijiet tal meût.




Din l'Opra tûakkfet Malta tnejn u sebgħin sèna ilu. Fuk l'eluf li jatu il Maltin u il Għaûdxin għaliha din l'Opra tal akûa gîd għal daûc ħutna li għâdhom katt ma semgħu bl'Isem Mkaddes t'Alla, u fuk ix-xogħol tal ħniena tal Missiunarji, seû Patrijiet u Sorijiet, issibuh fil «Kàri mill Annali» li joħroġ fi Frâr u Aûûissu. F'in-Nru. 30 ta April 1910 (*ctieb barra minn żmienu, imma f'ûaktu*) issibu fuk din l'Opra tal Propagazioni tal Fidi, «x'inhì u x'tagħmel» tibda mill facċ. 21. X'jidhirlu il Papa Piu l'X fuk l'Opra tal Propaganda tal Fidi, taraûh milli chiteb mn'idejh id-22 ta Jannar 1907.

San Giorġ ta Birżebbugia, it-28 ta Aûûissu 1912.

ALF. M. GALEA.

## UERREJ

**Il Carità f'Malta u Ghaûdex**


*Chelmtejn lil Mîn jakra, u chelma l' Uliedi* *Faċċ 5 u 6*

L'EŬŬEL TAKSIMA—L'Istituti li f'idejn il Gvern 7

IT-TIENI TAKSIMA—L'Istituti l'Oħra . . 37

1. Ta Saŭra *(li Mdina)* . . . . 39
2. Conservatorju tal Iskof—*Għaŭdex* . . 41
3. Sptâr ta San Giŭżepp—*Ħaż-Żebbuġ* . . 42
4. Sptâr ta Sant'Anna—*l'Isla* . . . . . 47
5. Cunvent tal Bon Pastur—*Ħall Balzan* . . 49
6. Ta Fra Diegu—*il Ħamrun* . . . . . 54
7. Conservatorju " Adelaide Cini "—*il Ħamrun* 62
8. Is-Sorijiet tal Fkâr—*il Ħamrun* . . . 68
9. Id-Dâr ta San Giŭżepp—*il Ħamrun* . . 70
10. Conservatorju Cav. Censu Bugeja—*il Ħamrun* 73
11. Istitut ta's-Sorijiet Frangiscani—*il Birgu* , 75
12. Dâr oħra ta daŭn is-Sorijiet—*Ħall Żabbar* . 76
13. Is-Sorijiet id-Dumnicani—*Għaŭdex* . . 77
14. Dâr is-Snajja—*Għaŭdex* . . . . »
15. Conservatorju ta San Giŭżepp—*Bormla* . . 79
16. Is-Sorijiet l'Orsolini—*il Beld* . . »
17. Is-Sorijiet il Blù —*San Giljan* . . . 80
18. Li Sptâr ta Zammit-Clapp—*San Giljan* . 83
19. The Rosary School—*San Giljan* . . . 84
20. Li Scola tal Cunvent ta Santu Ŭistin, *u oħrajn* . 85
21. Fuk id-Domus u l'Oratorji is-Salesiani . . 87
22. Ix-Xirca għal Għajnuna tal Ħaddiema—*il Beld* 92
23. Il Conferenzi ta San Vicens di Paŭla—*f' Malta* 93
24. L'Opra tal Propaganda tal Fidi . . . 95

# COTBA TAL MOGHDIJA TAZ-ZMIEN

IL GHAXAR CTIEB TA'S-SENA 1911-12:

## " Fuk is-Suar tal Isla "

jibda b'Conferenza li saret f'id-Domus tal Isla, nhar il 5 ta Lulju li għadda. Il 1912--1565 ta fuk il koxra, juru ix-xeŭka tagħna li aħna il Maltin nibkgħu nies ta ħila u ta fidi kaŭŭija bħal tal 1565.

Il Conferenzi l'oħra li saru fl'Oratorju Dun Bosco ta tas-Sliema huma daŭn :

**Tobija**—is-26 ta Ottubru 1910, faċċ. 73 tal ctieb No. 103 " MIN CHIEN AHMED "

**Fuk Pajjizna**—il 15 ta Novembru 1910, faċċ. 65 tal ctieb in-Nru. 104 " MALTA NISRANIJA "

**Cliem ix-Xih, zomm fih !**—id-29 ta Marzu 1911 tal ctieb in-Nru. 109 " IL KASSATA TAL MILIED "

Il Conferenza f'id-Domus taz-Zejtun, tal 4 ta Aŭŭissu 1912, għâdna ma gibnihiex f'daŭn il Cotba tal Mogħdija taz-Zmien.

Ngħarrfucom li ŭiegħduna għal din is-sèna 1912-13 il ctieb " IL GHARAJJES " meħud minn fuk " I PROMESSI SPOSI " tal Manzoni.